Presidenza Slovena tal-Unjoni Ewropea 2008

Is-Seba' Laqgħa Ewropea ta' Persuni li Qed Jesperjenzaw il-Faqar

Brussell, 16-17 ta' Mejju, 2008

# Erba' Kolonni fil-Ġlieda Kontra l-Faqar

Servizzi soċjali

Servizzi ta' interess ġenerali

Akkomodazzjoni

Dħul minimu

Introduzzjoni ........................................................................................ 4

Sfond tal-Laqgħat ........................................................................................ 4

Preżentazzjoni tal-kuntest tas-7 Laqgħa ........................................................................ 5

Nota lill-Kunsill mill-Presidenza Slovena tal-Unjoni Ewropea ........................ 7

Proposti tal-Presidenza: ........................................................................................ 10

Il-Laqgħat Ewropej, Proċess li Jimxi l-Quddiem ........................................... 12

Sessjoni tal-ftuħ ........................................................................................ 14

Is-Sinjorina Marjeta COTMAN, Ministru għax-Xogħol, Familja u Affarijiet Soċjali, Slovenja ........................................................................................ 14

Is-Sur Jérôme VIGNON, Direttur, Direttorat tal-Protezzjoni Soċjali u Integrazzjoni, Kummissjoni Ewropea ........................................................................................ 16

Is-Sur Jean-Marc DELIZEE, Segretarju ta' l-iStat għall-Ġlieda Kontra l-Faqar, il-Belġju. ........................................................................................ 16

Is-Sinjura Salomé MBUGUA, delegata fis-Sitt Laqgħa Ewropea għal Persuni li qed Jesperjenzaw il-Faqar – 2007 ........................................................................................ 17

Gruppi ta' Diskussjoni ........................................................................................ 20

Id-Dħul minimu ........................................................................................ 21

Akkomodazzjoni ........................................................................................ 24

Is-Servizzi Soċjali ........................................................................................ 29

Servizzi ta' interess ġenerali ........................................................................................ 34

Rapporti mill-Gruppi ta' Diskussjoni - Kummenti u Dibattiti ........................ 38

Sezzjoni tal-Egħluq ........................................................................................ 41

Is-Sur Vladimir Špidla, Kummissarju Ewropew għax-Xogħol, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqs. ........................................................................................ 41

Is-Sinjorina Romana TOMC, Segretarju tal-iStat, Ministeru tax-Xogħol, Familja u Affarijiet Soċjali, Slovenja ........................................................................ 43

Is-Sur Martin HIRSCH, Kummissarju Għoli għas-Solidarjetà Attiva Kontra l-Faqar, Franza. ........................................................................ 44

Is-Sur Marian HOSEK, Deputat Ministru għall-Politika Soċjali, Servizzi Soċjali u Politika tal-Familja, Ministeru tax-Xogħol u Affarijiet Soċjali, Repubblika Ċeka. ..... 46

Is-Sur Ludo Horemans, President tal-EAPN ........................................................................ 48

Lista ta' Parteċipanti ........................................................................ 49

# Introduzzjoni

## *Sfond tal-Laqgħat*

Il-laqgħat Ewropej ta' persuni li qed jesperjenzaw il-faqar inbdew mill-Belġju fl-2001 u sa mill-2003 saru parti fissa mill-aġenda tal-Unjoni Ewropea.

Persuni li qed jesperjenzaw il-faqar iltaqgħu fi Brussell għas-seba' darba fis-16 u s-17 ta' Mejju, 2008. 124 delegat – persuni li qed jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali – minn 26 pajjiż ħadu sehem fil-laqgħa u laqgħu magħhom bil-qalb lil 90 mistednin mill-Ministerji Nazzjonali, istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, għaqdiet nongovernattivi, akkademiċi u għaqdiet tal-ħaddiema.

Il-Presidenza Slovena ressqet l-idea li l-Laqgħa għandha tiffoka fuq erba' suġġetti – is-servizzi soċjali, is-servizzi ta' interess ġenerali, l-akkomodazzjoni u d-dħul minimu – erba' kolonni essenzjali tal-ġlieda kontra l-faqar li jorbtu waħda ma' l-oħra bħal biċċiet ta' *jigsaw.*

Id-Delegati ppreparaw għas-Seba' Laqgħa billi saqsew l-istess tlett mistoqsijiet dwar kull wieħed mill-erba' suġġetti (servizzi soċjali, servizzi ta' interess ġenerali, djar u dħul minimu):

- X'qiegħed jaħdem?
- X'mhux qiegħed jaħdem?
- Kif jistgħu isiru aħjar l-affarijiet?

Wara sessjoni plenarja biex jinfetħu l-proċeduri, id-delegati inqasmu f'seba' gruppi ta' diskussjoni fejn ix-xogħol preparatorju li kull pajjiż kien għamel intuża bħala bażi għall-bdil ta' esperjenzi u diskussjoni. Sa l-aħħar tal-ħin tal-gruppi ta' diskussjoni nkitbu rapporti b'rakkomandazzjonijiet li mbagħad ġew ippreżentati waqt sessjoni plenarja ddedikata għalihom. Imbagħad kien hemm ħin ta' kummenti u diskussjoni dwar il-proposti li kienu ħarġu minn dan l-isforz iffokat.

Dan ir-rapport l-ewwel jagħti dehra fil-qasir tal-messaġġi ewlenin tad-delegati għal din il-Laqgħa, imbagħad ir-riżultati tal-laqgħat ta' qabel, id-diskorsi tas-sessjoni tal-ftuħ, sinteżi tax-xogħol fil-gruppi ta' diskussjoni b'siltiet mix-xogħol preparatorju dwar l-isfondi nazzjonali, il-proposti u rakkomandazzjonijiet, kummenti u diskussjonijiet plenarji, u fl-aħħarnett id-diskorsi ta' l-egħluq.

## *Preżentazzjoni tal-kuntest tas-Seba' Laqgħa*

Is-Sinjorina **Vesna LESKOSEK** (President tas-Seba' Laqgħa), mill-Fakulta' ta' l-iStudji Soċjali, Università ta' Ljubljana, Slovenja, tat merħba lill-parteċipanti u tat il-kuntest tal-Laqgħa billi tkellmet fil-qasir dwar il-kwistjonijiet li huma fil-qalba ta' kull suġġett.

Is-**Servizzi Soċjali** jwettqu l-politiki mfassla mill-gvernijiet fuq livell nazzjonali jew reġjonali. Il-politiki jgħinu jew itellfu l-aċċess għal servizzi u programmi, u l-aċċess fiżiku huwa importanti għal dan il-għan, pereżempju t-trasport pubbliku, kemm jinstabu fil-qrib is-servizzi, ostakoli maħluqa mid-disinn tal-bini, eċċ. Fattur importanti huwa kemm kull servizz huwa soċjalment aċċessibbli għal kull grupp differenti li jrid jużah. Aspett importanti ieħor dwar l-aċċessibiltà huwa kemm hemm ħitan burokratiċi li jostakolaw l-implimentazzjoni. Ħitan burokratiċi spiss jirriflettu strateġiji li jwasslu għal tnaqqis fid-drittijiet soċjali. Fattur ieħor huwa l-mod kif jiġu ttrattati n-nies: huma kkunsidrati problema soċjali, huma ttimbrati bħala għażżenin, li mhumiex intelliġenti, li mhumiex kapaċi jipprovdu għalihom infushom, u li jaħarbu mir-responsabbiltajiet? Jew huma nkoraġġiti li jiżviluppaw u jkabbru l-potenzjal tagħhom? Is-servizzi soċjali qegħdin ineħħu l-ħitan għal inklużjoni aħjar fis-soċjetà, jittrattaw lil min jużahom bir-rispett, u jgħinuhom iżommu d-dinjità tagħhom? Jista' jkun ukoll li s-servizzi soċjali jkunu pprivatizzati, u dan spiss ifisser li ma jkunux aċċessibbli għal kulħadd bl-istess kundizzjonijiet, u spiss ipoġġu l-profitt qabel id-dinjità tal-bnedmin.

Id-**dħul minimu** hija waħda mill-kolonni ewlenija fil-ġlieda kontra l-faqar, waħda li tiffissa l-istandard għal ħajja ta' dinjità. Għal din ir-raġuni hemm dibattitu wiesgħa dwar x'inhi ħajja ta' dinjità, u kif din tista' tiġi żgurata. Id-drittijiet għal benefiċċji soċjali nkisbu bit-taqbid tal-ħaddiema u għalhekk iridu jiġu mqassma kif suppost. Nies li ma jistgħux, jew li m'għadhomx jistgħu, ifendu għalihom infushom huma intitolati għal dawn id-drittijiet. Dan ħafna drabi jintesa' u spiss nisimgħu li n-nies isiru dipendenti fuq il-benefiċċji u hekk jitilfu l-motivazzjoni li jfittxu x-xogħol. Dawn id-dibattiti jistgħu iwasslu biex benefiċċji jiġu mneħħija jew ir-riżorsi jitnaqqsu ħalli tiżdied il-pressjoni fuq in-nies biex ifittxu x-xogħol. Imma l-esperjenza tgħallimna li t-tnaqqis fil-benefiċċji fil-fatt iżid il-faqar mingħajr ma jżid r-rati ta' impjieg. Il-progress kulturali u ekonomiku jgħolli l-livell tal-ħajja dinjituża li għaliha huwa ntitolat kulħadd, kemm jekk tiġi milħuqa permezz tax-xogħol u kif ukoll jekk le. In-nies ma jagħżlux li jistiednu l-faqar. Il-kawżi tal-faqar irridu nfittxuhom f'karatteristiċi strutturali, li huma ffurmati mill-politiki. Għaldaqstant l-istat għandu l-obbligu li jerfa' r-responsabbiltà li jara li n-nies ikollhom eżistenza diċenti. L-implimentazzjoni ta' dħul minimu huwa strument effiċjenti biex jintlaħaq dan il-għan. Wieħed irid ukoll jisħaq li gruppi dejjem jiżdiedu ta' nies, bħall-emigranti, immigranti bla dokumenti, persuni bla dar, u oħrajn li m'għandhomx il-karti meħtieġa, qed jiġu esklużi mill-aċċess għas-servizzi soċjali.

**L-akkomodazzjoni** mhix sempliċiment kwistjoni li tara li n-nies għandhom saqaf fuq rashom, imma li jkollhom dar li tiggarantixxi sigurtà u stabbiltà. Id-dar toffri spazju privat fejn wieħed iżomm id-dinjità tiegħu, jerġa' jieħu s-saħħa, jistrieħ, jagħmel attivitajiet ta' ħin liberu, iżomm il-kuntatti soċjali, u jippreserva l-memorji tal-passat permezz ta' l-affarijiet li għandu fiha. Dan kollu jgħin biex wieħed ikollu s-sigurtà u jżomm il-bogħod l-inkwiet dejjem preżenti

fuq kwistjonijiet ta' eżistenza bażika. Meta wieħed ikollu l-ilma, l-elettriku u l-mezzi li bihom iżomm l-ambjent tiegħu sħun, ikun jistà juża l-ħin u l-enerġija għal affarijiet oħra. Mingħajr dawn in-neċessitajiet, il-ħsibijiet dwar sopravvivenza fundamentali jsiru toqol ta' kuljum: kif sa żżomm l-indafa, fejn sa torqod, fejn sa żżomm l-affarijiet personali tiegħek, minn fejn sa ġġib l-enerġija ħalli tgħaddi ġurnata oħra. Il-politiki ta' akkomodazzjoni mela huma waħda mill-aspetti ewlenin ta' kif jitnaqqas il-faqar, għax b'hekk inkunu nistgħu nitfgħu l-enerġija tagħna f'affarijiet oħra bħal minn fejn sa nsib l-ikel, fejn sa norqod, eċċ. Jekk ikollok dar tista' tibda taħseb biex tfittex xogħol, edukazzjoni, li tikseb ħiliet ġodda, eċċ. Għexieren ta' snin ta' esperjenza wrewna li s-suq tad-djar minnunfih ma jipprovdix djar diċenti għal min qiegħed, jew kważi qiegħed, fil-faqar. L-istat mela għandu jħaddem politika ta' akkomodazzjoni fid-dawl ta' l-importanza li kull persuna f'ħajjitha jkollha 'id-dar' tagħha. L-istati jridu jsaqsu lilhom infushom dwar il-karatteristiċi ta' postijiet diċenti li jiġu pprovduti lin-nies li jgħixu fil-pajjiż.

**Kif jidher ċar mix-xogħol preparatorju li sar għall-gruppi ta' diskussjoni, is-servizzi ta' interess ġenerali** huma, sa ċertu punt, kolonna ta' faqar moħbija, għax l-effetti tagħhom għadhom ma ġewx studjati biżżejjed u lanqas m'hawn għarfien siewi ta' l-importanza tagħhom. Dan in-nuqqas ta' għarfien jiġri għaliex in-nuqqas ta' servizzi ta' dawl u ilma huwa spiss limitat għal gruppi li jgħixu fil-kampanja u f'distretti mwarrba, fejn il-problemi l-kbar huma nuqqas ta' saqaf u ta' infrastruttura. Dan l-aħħar, il-problema tfaċċat ukoll f'oqsma residenzjali mitluqa fejn jgħixu immigranti, anzjani, *Roma*, nies bla dar u gruppi oħra mwarrba. Is-servizzi ta' interess ġenerali jinkludu karozzi tal-linja u ferroviji li, f'dan iż-żmien ta' xogħol flessibbli, huma essenzjali biex wieħed isib u jżomm ix-xogħol. Ftit huma n-nies li jistgħu jisperaw li jsibu xogħol fil-post fejn jgħixu; u numru dejjem jikber ta' nies ikollhom jivvjaġġaw għal siegħat twal kuljum biex jaslu sal-post tax-xogħol. Dan huwa wkoll żmien fejn il-ħwienet għandhom tendenza li jikkonċentraw ruħhom f'ċentri kummerċjali 'l bogħod minn oqsma residenzjali: it-trasport pubbliku huwa essenzjali għal dawk li jgħixu fiċ-ċentri tal-ibliet u f'oqsma rurali, li jsibu diffikultà biex jilħqu servizzi bħall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni.

Dawn il-kwistjonijiet hemm bżonn jiġu diskussi kollha sew. Laqgħat tal-passat urewna li ma nistgħux nippretendu li niksbu riżultati u bidliet immedjati; huwa mportanti, però, li jinbeda d-djalogu bejn nies li għandhom esperjenza vera ta' faqar u dawk li jfasslu programmi u politiki li jgħinu li jitnaqqsu l-inugwaljanzi.

Jiena kunfidenti li din il-Laqgħa għenet biex dan jinkiseb.

## Nota lill-Kunsill mill-Presidenza Slovena tal-Unjoni Ewropea

(Lussemburgu, fid-9 u l-10 ta’ Ġunju, 2008)

Il-Presidenza Slovena, bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, il-Gvern Belġjan u l-*European Anti Poverty Network* (EAPN) (Xibka Ewropea ta’ Għaqdiet Kontra l-Faqar), organizzat is-seba’ Laqgħa Ewropea ta’ persuni li qed jesperjenzaw il-faqar fis-16 u s-17 ta’ Mejju, 2008, fi Brussell.

124 delegat minn 26 pajjiż ħadu sehem fil-laqgħa flimkien ma’ 90 mistednin mill-Ministeri Nazzjonali, istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, għaqdiet nongovernattivi, akkademiċi u għaqdiet tal-ħaddiema.

Din is-sena l-laqgħa ffokat fuq erba’ kolonni fil-ġlieda kontra l-faqar: is-servizzi ta’ interess ġenerali, is-servizzi soċjali, id-djar u l-akkomodazzjoni, u d-dħul minimu. Dawn li ġejjin huma ftit mill-messaġġi u rakkomandazzjonijiet ewlenin li saħqu fuqhom id-delegati tas-seba’ laqgħa:

**Servizzi ta’ interess ġenerali** (SIĠ) li huma aċċessibbli u ta’ prezz li jintlaħaq huma essenzjali għal ħajja diċenti u għar-rispett tad-drittijiet fundamentali. Ħafna mid-delegati semmew kif qed jiżdiedu d-diffikultajiet biex jintlaħqu dawn is-servizzi. Il-Faqar ta’ l-Enerġija ġie diskuss bħala eżempju partikolari. Intwera inkwiet ta’ importanza ewlenija fuq l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u servizzi oħra fuq nies bi dħul baxx. Id-delegati tkellmu dwar kif mhux aċċettabbli li wieħed ikollu jagħżel bejn jekk jiekolx jew iżommx l-ambjent tiegħu imsaħħan. Rakkomandazzjonijiet ewlenin mid-delegati jinkludu li:

- Ikun garantit bħala dritt fundamentali l-aċċess għall-enerġija u għal servizzi bażiċi bi prezz li wieħed jiflaħ iħallas.
- Stati membri jridu jiggarantixxu aċċess bi prezz li jintlaħaq għas-servizzi essenzjali kollha permezz ta’ miżuri bħal sistema ta’ prezzijiet regolati, l-aċċess garantit għal pakkett minimu ta’ servizzi, u li jiġu pprojbiti l-qtugħ ta’ servizzi, eċċ.
- Il-*European Charter on Energy Consumers’ Rights (*Karta Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Konsumaturi ta’ l-Enerġija*)* li qed tiġi proposta tkun tinkludi standard soċjali li jkun jorbot legalment. Il-Karta trid tkun għodda li tipproteġi l-konsumaturi.
- Il-Faqar tal-Enerġija jrid jintgħaraf bħala problema ewlenija li dwarha l-UE jeħtieġ li tieħu azzjoni magħquda u urġenti, speċjalment fid-dawl tal-prezzijiet ta’ l-enerġija li qegħdin dejjem jogħlew. Din trid tinkludi azzjoni fuq prezzijiet ġusti u effiċjenza fl-enerġija u tkun magħquda mal-assikurazzjoni ta’ dħul minimu adegwat.
- Informazzjoni aċċessibbli u li tiftiehem trid tiġi mwassla permezz ta’ servizz wiċċ imbwiċċ, u mhux niddependu fuq mezzi elettroniċi li huma diskriminatorji kontra min għandu dħul baxx, imma wkoll biex ikun żgurat parir liberu u indipendenti, u proċeduri ta’ lment effettivi.

- L-effett tal-liberalizzazzjoni tas-swieq, inkluż l-impatt tad-Direttiva tas-Servizzi, irid ikun studjat b'urġenza ħalli jiġi mkejjel l-impatt soċjali tiegħu fuq nies li qed jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali.
- Persuni li qed jesperjenzaw il-faqar iridu jkunu involuti fl-iżvilupp, it-twettieq, u l-evalwazzjoni tal-politiki relatati mas-SIĠ biex issir valutazzjoni vera ta' kemm is-SIĠ u t-tħaddim preżenti tas-swieq interni qed isostnu l-inklużjoni soċjali.

Is-**servizzi soċjali** huma servizzi essenzjali li jsostnu l-inklużjoni soċjali ta' nies li qegħdin fil-faqar, u jridu jkunu aċċessibbli, ta' kwalità tajba u ggarantiti għal kulħadd. Id-drittijiet tas-suq intern m'għandhomx ikollhom prijorità fuq id-drittijiet fundamentali u m'għandhomx ifixklu d-dmirijiet li għandhom l-iStati Membri li jorganizzaw servizzi soċjali aċċessibbli li verament iwettqu l-bżonnijiet tal-kommunitajiet lokali tagħhom. Id-dritt għall-assistenza soċjali huwa rikonoxxut fiċ-*Charter of Fundamental Rights* (Karta tad-Drittijiet Fundamentali), imma qiegħed isir dejjem iktar diffiċli li wieħed jieħu dan id-dritt minħabba kriterji, kuntratti, u sanzjonijiet diskriminatorji. Rakkomandazzjonijiet ewlenin magħmula mid-delegati jinkludu:

- Id-dritt għall-aċċess għal servizzi soċjali ta' kwalità tajba jrid ikun garantit.
- Servizzi soċjali jridu jkunu ta' prezz li jintlaħaq, ta' kwalità tajba, u kontinwi, ħalli jilħqu l-bżonnijiet veri u li qed jevolvu ta' nies li qed jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali tul ħajjithom u fil-bdil taċ-ċirkostanzi.
- Kulħadd għandu d-dritt li jiġi ttrattat daqs ħaddieħor, b'mod dinjituż, u li jkollu aċċess għal servizzi soċjali mingħajr ebda diskriminazzjoni.
- Informazzjoni u pariri jridu jkunu, bħala obbligu, disponibbli għal kull persuna, u f'forma li hi aċċessibbli għal persuni bi dħul baxx, jiġifieri permezz ta' servizzi lokali.
- Irid jittejjeb b'urġenza l-aċċess għall-kura tas-saħħa u għal djar ta' kwalità tajba u bi prezz li jintlaħaq.
- Hemm bżonn jiġi maħluq osservatorju Ewropew fuq is-saħħa u l-faqar.
- Il-proċeduri ġodda ta' żviluppar ta' kuntratti individwali bejn il-klijenti u min jipprovdi s-servizzi soċjali qed iqajjmu tħassib fost nies li qegħdin fil-faqar. Hemm bżonn tittieħed azzjoni biex ikun żgurat li dawn il-kuntratti ma jkunux diskriminatorji.
- L-UE għandha tistabbilixxi standardi ta' kwalità li jiżguraw li l-iStati Membri jiggarantixxu aċċess li jintlaħaq għal servizzi soċjali ta' kwalità.
- Il-Gvernijiet Nazzjonali jridu jiggarantixxu li s-servizzi soċjali qed jaħdmu b'mod effettiv skond il-kriterji mfassla fuq livell Ewropew.
- Servizzi soċjali jridu jkunu kkoordinati, implimentati u evalwati fuq livell lokali.
- Biex id-drittijiet umani jkunu rispettati, persuni li jesperjenzaw il-faqar iridu jkunu involuti fl-istrutturi f'kull livell permezz ta' mekkaniżmi ta' parteċipazzjoni. Mudelli ta' parteċipazzjoni u implimentazzjoni jridu jkunu promossi attivament u mogħtija appoġġ permezz ta' mekkaniżmi ta' fondi nazzjonali u mill-UE.

Id-**djar u l-akkomodazzjoni** huma dritt fundamentali li hemm bżonn jiġi rikonoxxut mill-UE. Id-delegati għamlu emfasi li d-dar hija iktar minn sempliċiment erba' ħitan u li n-nies għandhom bżonn ambjent tajjeb b'servizzi tajbin biex jgħixu b'dinjità. Id-diffikultajiet partikolari li għandhom x'jaqsmu ma' akkomodazzjoni u kenn għal min hu bla dar, persuni bi

problemi tad-droga jew bi problemi mentali ġew imsemmija, kif ukoll eżempji ta' proġetti ta' djar li ħadmu sew biex laħqu l-bżonnijiet ta' nies bħal dawn, li kienu mmexxija minn għaqdiet nongovernattivi u li nvolvew direttament lin-nies ikkonċernati.

Id-delegati kienu inkwetati ħafna bil-problemi li jiffaċċjaw l-emigranti fejn tidħol l-akkomodazzjoni. Ġie nnutat ukoll li biex ikun żgurat id-dritt tagħhom għal ħajja indipendenti, persuni b'disabbilità għandhom bżonnijiet speċjali fejn jidħlu l-postijiet fejn joqogħdu. Minkejja dan ġie nnutat ukoll li f'ħafna Stati Membri l-prezzijiet dejjem jogħlew tad-djar u l-persentaġġ tad-dħul disponibbli li jrid jintuża biex titħallas l-akkomodazzjoni jfissru li d-diffikultajiet dwar l-akkomodazzjoni huma problema f'partijiet kbar tas-soċjetà. Filwaqt li kien magħruf li l-akkomodazzjoni taqa' prinċiparjament taħt il-kompetenza tal-iStat Membru, inħass ukoll li hemm bżonn isiru sforzi akbar permezz ta' kooperazzjoni fuq livell Ewropew ħalli jittieħed ħsieb ta' problemi ta' aċċess għall-akkomodazzjoni. Fost ir-rakkomandazzjonijiet prinċipali mressqa mid-delegati hemm:

- L-involviment ta' għaqdiet nongovernattivi u ta' nies milquta direttament minn problemi ta' akkomodazzjoni huwa essenzjali biex jiġu milħuqa l-bżonnijiet veri ta' nies bla dar u persuni bi problemi ta' akkomodazzjoni.
- Għajnuna finanzjarja hija essenzjali biex persuni li m'għandhomx fejn jgħixu jħossuhom mogħtija s-setgħa li jaqbżu għalihom infushom u biex għaqdiet nongovernattivi jkollhom l-għajnuna ħalli jkunu jistgħu jaffrontaw il-problemi ta' akkomodazzjoni.
- Iridu jiġu żviluppati strateġiji u Pjanijiet Nazzjonali ta' Azzjoni biex tittieħed azzjoni fuq problemi ta' akkomodazzjoni u ta' persuni li m'għandhomx fejn joqogħdu.
- L-akkomodazzjoni u l-persuni li m'għandhomx dar fejn joqogħdu għandhom ikunu suġġett ta' sena tematika fl-istrateġija ta' inklużjoni tal-UE.
- L-eżistenza ta' Akkomodazzjoni Soċjali u Pubblika hija parti essenzjali minn strateġija li tittratta problemi ta' akkomodazzjoni.
- Fondi strutturali Ewropej għandhom jappoġġjaw aktar l-aċċess għal akkomodazzjoni sostenibbli u bi prezz li jintlaħaq.
- Stati Membri għandhom ifasslu miri dwar il-persentaġġ tad-dħul disponibbli li persuni għandhom jużaw biex iħallsu għall-akkomodazzjoni.
- Politiki ta' tassazzjoni għandhom jiskoraġġixxu milli djar jitħallew vojta u milli ssir spekulazzjoni fis-suq tad-djar.
- Huwa essenzjali li ma jkunx hemm diskriminazzjoni fl-aċċess għall-akkomodazzjoni, u l-liġijiet tal-UE dwar dan iridu jissaħħu u t-twettiq tagħhom jiġi mmonitorjat sew.

Irid ikun hemm skemi ta' **dħul minimu** fl-iStati Membri kollha, u dawn jitqiesu bħala dritt, b'rikonoxximent għall-fatt li d-dinjità tiswa l-flus, kif ukoll bħala investiment fil-futur tas-soċjetà tagħna. Rakkomandazzjonijiet prinċipali mid-delegati jinkludu:

- Id-dħul minimu jrid jiġi kkunsidrat bħala għodda dinamika, li tistà tiġi wżata faċilment min-nies biex ibiddlu ħajjithom.
- Id-dħul minimu huwa investiment biex titjieb l-inklużjoni tal-persuni, b'rikonoxximent għall-fatt li x-xogħol mhux l-uniku mezz li jwassal għall-inklużjoni.

- Il-parteċipanti jinsistu li hemm bżonn isir progress fejn għandu x'jaqsam mal-informazzjoni dwar u l-aċċess għad-dħul minimu. Proċeduri amministrattivi jridu jsiru iktar sempliċi, iktar trasparenti u b'mod li jirrispettaw iktar id-dinjità tal-persuni kkonċernati (pereżempju, li jkun hemm post wieħed fejn issir l-applikazzjoni ħalli dak li jkun ma jkollux għalfejn joqgħod jirrepeti l-istorja tiegħu għal ħafna drabi).
- Id-dħul minimu mhux biss kwistjoni ta' flus imma wkoll dwar aċċess għal kura medika, kultura ... u riżorsi oħra li huma neċessarji għal ħajja dinjituża.
- Id-dħul minimu jrid ikun relatat ma' kemm tiswa verament il-ħajja, u jieħu inkonsiderazzjoni l-għoli fil-prezzijiet, skond l-istandard ta' kull pajjiż, u b'riferenza għal dak li n-nies jafu li verament għandhom bżonn. Għaqdiet nongovernattivi soċjali għandhom funzjoni partikulari x'jagħmlu biex jgħinu ħalli jħaffu metodu parteċipattiv li bih jiġi definit il-'basket ta' affarijiet' neċessarji għal ħajja dinjituża.
- L-UE għandha tisħaq fuq l-għarfien li d-dħul minimu huwa assi u riżors, u mhux sempliċiment spiża, u għandha tevita li tittimbra skemi ta' dħul minimu bħala 'mezzi passivi'.

Id-delegati saħqu fuq il-bżonn li dawn l-erba' pilastri jkunu jidhru sew fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali. Barra minn hekk saħqu fuq il-bżonn li jaħdmu mal-mezzi ta' komunikazzjoni ħalli titwassal stampa bir-reqqa ta' x'inhu verament il-faqar u titkisser l-immaġini ta' 'nies għażżiena li ma jridux jaħdmu'. Id-delegati insistew li huwa essenzjali li titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' persuni li qed jesperjenzaw il-faqar ħalli dawn l-isterjotipi negattivi jingħelbu u tiġi rikonoxxuta l-intelliġenza u l-esperjenza siewja tagħhom, u l-kapaċità tagħhom li jikkontribwixxu proposti kostruttivi.

Id-delegati talbu li jiġu żviluppati għodda ta' evalwazzjoni ħalli jiġi mkejjel il-progress li jsir bejn Laqgħa u oħra. Urew ukoll il-bżonn li jkun hemm evalwazzjoni tal-impatt tal-istrateġija preżenti tal-UE dwar l-inklużjoni, bi preparazzjoni għas-sena 2010 li sa tkun is-Sena Ewropea Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali.

## *Proposti tal-Presidenza:*

Il-Presidenza tagħti appoġġ lill-idea li l-parteċipazzjoni ta' persuni li qed jesperjenzaw il-faqar hija essenzjali u titlob li jkun hemm sforzi akbar biex titwettaq din il-parteċipazzjoni.

l-Presidenza tinkoraġġixxi li l-iStati Membri jagħtu konsiderazzjoni lill-messaġġi u r-rakkomandazzjonijiet imressqa mid-delegati tas-Seba' Laqgħa, kif ikun addattat, fil-Pjani ta' Azzjoni Nazzjonali 2008-2011, fil-Programmi ta' Riforma Nazzjonali tagħhom u fix-xogħol ta' tkomplija tal-kommunikazzjoni fuq l-inklużjoni attiva.

Il-Presidenza tinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tagħti konsiderazzjoni sew lill-ideat imressqa mid-delegati għas-seba' laqgħa fix-xogħol tagħha dwar is-servizzi, fil-prinċipji fuq l-inklużjoni attiva li jrid isir l-abbozz tagħhom, fix-xogħol ta' tkomplija fuq l-iStrateġija ta' Lisbona u l-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni fuq Protezzjoni Soċjali u Inklużjoni Soċjali, u fil-proposti tagħha għall-futura Aġenda Soċjali.

Il-Presidenza tinkoraġġixxi lill-parteċipanti u lill-mistednin kollha tas-seba' laqgħa biex ixerrdu kemm jista' jkun ir-riżultati u l-esperjenzi ta' din is-seba' laqgħa u jagħmlu sforzi akbar biex juru kif ir-riżultati tal-laqgħat jikkontribwixxu għall-bdil ta' għerf u esperjenzi, l-iżvilupp ta' azzjonijiet li jiġġieldu kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fuq kull livell, u l-iżvilupp kontinwu ta' politiki biex jinqerdu l-faqar u l-esklużjoni soċjali.

## Il-Laqgħat Ewropej, Proċess li Jimxi l-Quddiem

Il-Kunsill Ewropew ta' Lisbona (2000) ftiehem li jħaddem strateġija Ewropea sabiex "jagħmel impatt deċiżiv fuq il-qerda tal-faqar fl-Ewropa sal-2010"; waħda mill-istrateġiji addottati – li ssir ħidma fuq il-faqar u l-esklużjoni soċjali – hija essenzjali biex nimxu 'l quddiem b'dan l-impenn u **trid tinkludi lil kull min għandu interess, inklużi persuni li qed jesperjenzaw il-faqar.**

Il-Laqgħat Ewropej ta' Persuni li Qed Jesperjenzaw il-Faqar jaqblu ma' dan il-mod ta' ħsieb u huwa ċar li huma parti minn proċess li qed jimxi 'l quddiem. Iċ-ċiklu ta' tkomplija ta' xogħol u preparazzjoni f'kull Stat Membru huwa dejjem għaddej.

**X'nistgħu nieħdu mill-laqgħat ta' qabel?**

2001
Il-Gvern Belġjan uża l-qawwa u l-vantaġġ tal-lieva tal-parteċipazzjoni tiegħu sa mill-1994 u approfitta ruħu mill-Presidenza tiegħu tal-Unjoni Ewropea biex jagħti bidu għall-Ewwel Laqgħa Ewropea ta' Persuni li Qed Jesperjenzaw il-Faqar li ħadmet fuq erba' punti: **l-akkomodazzjoni, is-saħħa, it-tagħlim u l-pagi**.

Il-konklużjoni l-kbira li ħarġet minn dan l-ewwel avveniment kienet li n-nies li qed jesperjenzaw il-faqar kellhom it-**tagħrif u l-għerf espert biex jistudjaw l-esklużjoni fil-fond, u kellhom l-iskop li jieħdu sehem fis-soċjetà** u fid-deċiżjonijiet li jaffettwawlhom ħajjithom.

2003
Fl-2002, il-Gvern Belġjan issuġġerixxa li ssir it-tieni Laqgħa – inizjattiva li tkompliet mill-Presidenza Griega. L-EAPN ġiet mitluba tippreparaha, imma ż-żmien biex issir preparazzjoni sew mad-delegati kien qasir. Is-suġġett kien **"prattiċi tajba ta' parteċipazzjoni"**. Il-preparazzjonijiet u l-gruppi ta' diskussjoni ħarġu b'**mudelli ta' proċessi ta' parteċipazzjoni** u b'**talba mid-delegati: persuni li qed jesperjenzaw il-faqar iridu jitkellmu wiċċ imbwiċċ ma persuni li jfasslu l-politiki dwar dawk il-politiki li jaffettwawhom**.

Bi tweġiba għal din it-talba, il-Presidenza Griega talbet lill-Kunsill ta' Ġunju għall-Laqgħat Ewropej biex dan isir **proċess rikorrenti**, bħal ma hi r-*Round Table* tal-Inklużjoni Soċjali.

2004
Is-suġġett magħżul taħt il-Presidenza Irlandiża rrifletta t-talbiet li ħarġu mit-tieni Laqgħa, u kkonċentra fuq id-djalogu bejn persuni li qed jesperjenzaw il-faqar u dawk li joħolqu l-politiki, bit-titlu, "**Il-Parteċipazzjoni hija triq li minnha t-traffiku jgħaddi miż-żewġ naħat**". Ir-rwoli tradizzjonali nbidlu u **l-"awtoritajiet" issa kienu meqjusa l-"mistednin" tal-persuni li qed jesperjenzaw il-faqar**, u tkellmu direttament mad-delegati waqt is-sessjonijiet fi gruppi żgħar. Il-laqgħa ntemmet permezz ta' **forum miftuħ bejn persuni li qed jesperjenzaw il-**

**faqar u panil ta' persuni li jiddeċiedu l-politika**. DVD li ġiet magħmula waqt l-avveniment serviet ta' għodda għal użu estensiv mill-kuntatti nazzjonali tal-EAPN ħalli jinbena għarfien fost persuni li jfasslu l-politiki nazzjonali u reġjonali.

2005
Il-Presidenza Lussemburga għażlet li tistudja **xbiehat u perċezzjonijiet tal-faqar**. Kien hemm emfasi akbar fuq produzzjonijiet ta' mezzi ta' kommunikazzjoni – oġġetti magħmulin minn ħafna ċraret żgħar ikkuluriti, pitturi u ritratti – miġjuba minn persuni li kienu qed jesperjenzaw il-faqar. Dawn ix-xogħlijiet kreattivi nġabru flimkien f'wirja mtella' fil-*Glasgow Round Table*. Ġie ppubblikat katalgu tax-xogħlijiet. Il-Presidenza Lussemburga wriet l-involviment sħiħ tagħha permezz ta' messaġġ qawwi li wasslet lill-Kunsill tal-Ministri ta' Ġunju, **sejħa għall-pajjiżi kollha tal-UE biex jorganizzaw l-istess tip ta' Laqgħa**.

Ħafna gruppi nazzjonali tal-EAPN bdew bil-mod il-mod jorganizzaw Laqgħat simili fuq livell nazzjonali u/jew reġjonali.

2006
Preparazzjonijiet magħmula taħt il-Presidenza Awstrijaka ġabru l-aspetti kollha tal-faqar u l-esklużjoni soċjali taħt it-tema **"Kif jirnexxielna nkampaw fil-ħajja ta' kuljum?**" Il-preparazzjoni magħmula mid-delegati wriet il-**proattività u l-enerġija tal-persuni li qed jesperjenzaw il-faqar**. Kull delegazzjoni ta' persuni li kienu qed jesperjenzaw il-faqar ippreparat kartellun u ppreżentatu waqt is-sessjoni plenarja: kienet parti memorabbli u li ġibdet l-iktar attenzjoni waqt il-Ħames Laqgħa. Il-kartelluni ġew miġbura f'**wirja** mtella' fil-*Finland Round Table*, fil-bini tal-Kummissjoni, f'April tal-2007, u fl-ewwel Laqgħa ta' persuni li qed jesperjenzaw il-faqar fir-Renju Unit f'Lulju tal-2007. Il-ħames Laqgħa wriet il-bżonn li naraw x'ħareġ mill-ewwel ħames laqgħat.

2007
Is-Sitt Laqgħa, taħt l-Presidenza Ġermaniża, ddeċidiet li timxi fuq din il-prijorità u għażlet bħala suġġett, "Insaħħu l-Progress, niddisinjaw il-passi li jmiss". Rat 130 delegat minn 27 pajjiż u 97 rappreżentanti ta' awtoritajiet Ewropej u nazzjonali jiltaqgħu fi Brussell fl-4 u l-5 ta' Mejju. Id-delegati u l-mistednin użaw oġġetti simboliċi biex jagħtu espressjoni viżiva lis-suġġett tal-Laqgħa. Mingħajr ma jnaqqsu mill-importanza tal-progress li kien twettaq mil-lat soċjali, id-delegati emfasizzaw li l-għan li jinqered il-faqar sal-2010 ma kienx realistiku meta wieħed iqis li kien hemm sinjali ċari li l-faqar kien qed jiżdied. Is- Sitt Laqgħa wriet biċ-ċar li l-proċessi ta' parteċipazzjoni jkabbru l-prospetti għal u jgħinu biex tiżdied **awtorizzazzjoni** prattika. Instab ukoll li kien hemm iktar xogħol li kien qiegħed isir bis-sħab bejn assoċjazzjonijiet u awtoritajiet pubbliċi, u talba għal djalogu kontinwu fuq livell nazzjonali.

## Sessjoni tal-ftuħ

Is-Sinjorina **Marjeta COTMAN**, *Ministru għax-Xogħol, Familja u Affarijiet Soċjali, Slovenja*

L-ewwel nett nixtieq nirringrazzja lill-organizzaturi, speċjalment lill-*European Anti-Poverty Network* (EAPN), lid-direttur tagħhom Is-Sur Fintan Farrell, u t-tim tiegħu, li mingħajrhom din il-laqgħa ma kinitx isseħħ. Nixtieq ukoll nuri r-ringrazzjament tiegħi lill-Kummissjoni Ewropea tal-involviment u l-għajnuna finanzjarja tagħha u lill-Gvern Belġjan, li pprovda l-post, u b'hekk għenna biex niddiskutu l-faqar, li huwa kwistjoni li jinkwieta lilna lkoll.

Ikolli nammetti li kont inkun ħafna iktar ferħana kieku ma kellniex għalfejn niddiskutu l-faqar fl-Ewropa, fejn tul dawn l-aħħar għexieren ta' snin ġew żviluppati sistemi ta' sigurtà soċjali. Sfortunatament ikollna nirrassenjaw irwieħna għall-fatt li mhux talli l-faqar għadu magħna iżda wkoll qiegħed jiżdied.

M'inix sa ngħabbikom bi statistiċi, li ftit li xejn ifissru għalikom u għall-familji tagħkom. Fl-opinjoni tiegħi, waħda mill-ikbar biċċiet tax-xogħol li għandna hija li noħolqu kundizzjonijiet li jagħtu l-opportunità lil kulħadd li jgħix ħajja diċenti u ta' kwalità tajba. Hawnekk irridu nikkunsidraw il-valuri komuni Ewropej, bħas-solidarjetà u l-għaqda, l-opportunitajiet indaqs, il-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, l-inklużjoni fis-soċjetà ċivili, u t-tkabbir sostenibbli.

Il-valur ewlieni huwa x-xogħol. Mhux sempliċiment ix-xogħol li jġib il-paga, imma x-xogħol li jagħti kontribut għad-dinjità umana u jiżgura s-sigurtà. Għal dan il-għan, l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' kull min hu kapaċi jaħdem huwa oġġetiv kruċjali fuq livell Ewropew. Imma flimkien ma dan, irridu niggarantixxu protezzjoni soċjali adegwata lil dawk li ma jistgħux jaħdmu.

Il-faqar u l-esklużjoni soċjali huma problemi kumplessi u għandhom ħafna aspetti li jikkonċernaw kemm lis-soċjetà kif ukoll lill-individwu. Irridu naħdmu fuq dawn flimkien. L-esperjenza li ksibna permezz tal-Laqgħat li għaddew turina li l-kooperazzjoni bejn rappreżentanti ta' gvernijiet nazzjonali, il-Kummissjoni Ewropea, għaqdiet nongovernattivi, l-imsieħba soċjali u entitajiet oħra importanti fil-ġlieda kontra l-faqar hija kruċjali fl-iskambju ta' esperjenzi ma' persuni li qed jesperjenzaw il-faqar. Din it-tip ta' kooperazzjoni hija mportanti biex jittejbu politiki u prattiċi li jaffettwaw il-ħajja ta' kuljum ta' persuni li qed jesperjenzaw il-faqar.

Id-diskussjonijiet riċenti fuq l-Aġenda Soċjali jikkonfermaw li jridu jiġu mdaħħla u osservati miri soċjali f'politiki Ewropej. Irridu niżguraw ukoll li dawn il-miri jirbħu l-appoġġ tan-nies.

Aħna kollna rridu opportunitajiet għall-itjeb żvilupp personali tul ħajjitna; kollna rridu l-aċċess għall-edukazzjoni, kura medika ta' kwalità, kura soċjali u servizzi oħra ta' interess ġenerali. Fuq kollox irridu s-solidarjetà: għandna bżonnha meta ma nkunux nistgħu nieħdu

ħsieb tagħna nfusna u s-soċjetà għandha bżonnha kontinwament biex tkun tista' teżisti u tiżviluppa.

Nafu li l-oġġettivi soċjali jridu jkunu mdaħħla ġol-politiki Ewropej kollha. Hemm bżonn li noħolqu opportunitajiet fejn noħorġu l-massimu tal-iżvilupp tal-potenżjali individwali f'kull stadju tal-ħajja; għandna bżonn noħolqu aċċess għall-edukazzjoni, kura ta' kwalità, protezzjoni soċjali u servizzi ta' interess ġenerali; għal dan kollu, l-aġenda Ewropea trid temfasizza l-investiment fl-infrastrutturi li hemm bżonn. Fl-aħħar nett, is-**solidarjetà** hija essenzjali, individwalment għal dawk li mhumiex kapaċi jieħdu ħsieb tagħhom infushom u kontinwament biex is-soċjetà kollha teżisti u tiżviluppa.

Is-Sitt Laqgħa, organizzata mill-Presidenza Ġermaniża s-sena l-oħra, kienet diġà stabbiliet li din it-tip ta' laqgħa toffri opportunità ġdida biex naħdmu fl-implimetazzjoni tal-proċessi u politiki differenti fuq livell Ewropew.

Il-qofol tal-interess mhumiex il-politiċi u l-akkademiċi, imma l-persuni li l-iktar li jafu xi problemi għandhom. Kull kelma u kull opinjoni hija importanti biex tiġi żgurata l-iktar inklużjoni soċjali sħiħa possibbli. Għalhekk, kull persuna għandha tagħti l-opinjoni tagħha u tagħti l-kontribut tagħha għal Ewropa soċjali ħielsa mill-esklużjoni soċjali.

Il-Laqgħa ta' din is-sena għandha t-titlu "**Erba' Kolonni fil-Ġlieda Kontra l-Faqar**". Dawn il-kolonni huma: **s-servizzi soċjali, s-servizzi ta' interess ġenerali, l-akkomodazzjoni, u d-dħul minimu**.

Għaliex dawn l-erba' kolonni? Għax il-laqgħa tas-sena l-oħra wriet kemm kienu kwistjonijiet ta' importanza partikolari. Għalhekk, dawn l-aspetti għandhom bżonn il-kontribut komuni tagħna. Barra minn hekk, jistgħu jiġu mdaħħla fid-diskussjoni li għaddejja bħalissa dwar is-suq intern u l-liberalizzazzjoni tas-servizzi, u f'dik dwar id-determinazzjoni ta' livell ta' dħul minimu għall-UE.

L-isforzi li jsiru fuq livell tal-UE jridu jaħdmu biex jippreservaw ir-rwol tas-servizzi ta' interess ġenerali u l-importanza li għandhom għan-nies. Irridu wkoll intejbu l-kwalità u l-aċċessibiltà tas-servizzi soċjali, pass li bla dubju jtejjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tal-UE. Din hija waħda mill-għanijiet li l-Presidenza Slovena, li tagħmel emfasi speċjali fuq is-servizzi soċjali, tappoġġja. Aħna nappoġġjaw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għat-twaqqif ta' faqas Ewropew ta' servizzi soċjali. Nitkellmu wkoll favur il-ftehim fuq il-prinċipji ġenerali ta' kwalità ta' servizzi soċjali ta' interess ġenerali fuq livell Ewropew. Inkunu interessati ħafna li nisimgħu l-opinjonijiet tagħkom fuq kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' politiki ta' akkomodazzjoni u dħul minimu.

Aħna għandna bżonn l-għajnuna tagħkom biex jinstabu soluzzjonijiet xierqa. Jiena konvinta li, fil-jumejn li ġejjin, intkom sa tkunu attivi u jkollkom suċċess, tkunu kapaċi tisimgħu u tinstemgħu u tiġu mifhuma. Jiena persważa li flimkien sa nfittxu u nsibu soluzzjonijiet għall-problemi tagħkom ta' kuljum.

Nispera li d-diskussjonijiet tagħkom ikunu produttivi.

Is-Sur **Jérôme VIGNON**, *Direttur, Direttorat tal-Protezzjoni Soċjali u Integrazzjoni, Kummissjoni Ewropea*

L-argumenti ta' din il-Laqgħa ġdida ta' Persuni li Qed Jesperjenzaw il-Faqar u l-Esklużjoni.

Jiena kelli l-privileġġ li bħala rappresentant tal-Kummissjoni Ewropea nieħu sehem fil-laqgħat li saru qabel, u nixtieq niffoka fuq x'taw lill-istituzzjonijiet Ewropej, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-Ministri u lill-Kummissjoni, ħalli nemfasizza kemm kien produttiv dan il-djalogu li sar kull sena mill-2001 'l hawn.

Nixtieq infisser l-ammirazzjoni li għandi lejn il-Belġju, illum rappreżentata hawn mis-Segretarju tal-iStat għall-Faqar, Jean-Marc Delizée, għax naf sew kif il-Belġju kienet l-imbottatura wara l-inizjattiva oriġinali tal-laqgħa flimkien fl-2001, l-avvent tal-istrateġija Ewropea biex tikkumbatti l-esklużjoni u l-faqar.

Kollha nafu li xejn ma jista' jkun perfett għal kollox. Mhux faċli li tiġi mill-erbat irjieħ ta' Ewropa li kull ma jmur qegħdha tikber. Imma l-perseveranza ta' min ifaħħarha tax-xibka tal-EAPN u l-organizzaturi tagħha għamlu dan possibbli, kull darba ikbar u iktar utli. U tant iktar kredtu lilhom peress li s-sena l-oħra, fl-2007, ħassejt li kien dieħel sens ta' frustrazzjoni.

X'taw dawn il-Laqgħat lill-Kummissjoni?

Kellhom impatt reali. L-ewwel, intkom li qed tospitaw lill-istituzzjonijiet intkom immaġni simbolika importanti tal-kontribuzzjoni li tista' ssir mill-persuni li qed jesperjenzaw il-faqar. Bejn l-2001 u l-2003, il-Kummissjoni rrealizzat li l-parteċipazzjoni kienet iċ-ċavetta tal-istrateġija Ewropea. Fl-2005, inġibdet l-attenzjoni lejn l-importanza simbolika tal-immaġini u l-perċezzjoni ta' persuni li qed jesperjenzaw il-faqar. Minn dak inhar fil-Programm "Progress" iddaħħal fokus ta' importanza akbar fuq il-kommunikazzjoni u l-immaġni.

Fl-2006: Il-messaġġ prinċipali mill-Laqgħa Ewropea kien li jitnaqqsu l-inugwaljanzi fi żmien li fih is-soċjetà iktar ma jmur iktar qed issir piramidali. Wara din il-konklużjoni, l-iStrateġija ta' Lisbona rreferiet għall-inklużjoni soċjali bħala oġġettiv minnha nfieha. Il-koeżjoni soċjali saret għan tal-UE.

L-2008 sa tkun dwar servizzi jaħdmu flimkien b'mod effettiv. Il-koeżjoni soċjali mhix biss dwar ix-xogħol. Il-politiki kollha tal-Unjoni Ewropea jridu jaħdmu flimkien biex jagħmlu Ewropa koeżiva. Jiena ċert li l-messaġġi li joħorġu minn din il-laqgħa sa jkollhom impatt fuq l-iżvilupp ta' dan is-suġġett importanti, is-servizzi, inkluża l-kwistjoni ta' dħul adegwat.

Is-Sur **Jean-Marc DELIZEE,** *Segretarju ta' l-iStat għall-Ġlieda Kontra l-Faqar, il-Belġju.*

L-ewwel nett nixtieq ngħidilkom x'unur huwa għalija li nieħu sehem f'din il-Laqgħa Ewropea. Nagħmel dan b'sentimenti mħallta ta' umiltà u rispett. Umiltà għax, li tkun inkarigat mill-ġlieda kontra l-faqar fil-Belġju, bħal kullimkien fl-Ewropa, ifisser li tħossok żgħir ħafna

quddiem sfida immensa. Ifisser li taffaċċja l-mistoqsija fundamentali: kif nistgħu innaqqsu l-inugwaljanzi li jeżistu fil-Belġju, fl-Ewropa, u fid-dinja? Kif nistgħu niggarantixxu eżistenza sikura u dinjituża għal kulħadd?

Rispett, għaliex nista' nimmaġina kemm hu kbir l-isforz għal xi wħud minnkom. Nista' nimmaġina li mhux faċli għalikom li tiġu hawn tagħtu xhieda, li tispjegaw ir-realtà ta' ħajjitkom u tgħidu dak li tixtiequ. Rispett għaliex sibtu l-qawwa li tagħmlu dan.

Fl-2001, il-Presidenza Belġjana tal-Unjoni Ewropea tat bidu u organizzat l-Ewwel Laqgħa Ewropea biex tiddiskuti l-faqar, u ttrattat is-suġġett b'sistema ta' djalogu u sħubija.

Din l-inizzjattiva tkompliet fi-Stati oħra. Nixtieq nirringrazzja lill-persuni li jfasslu l-politika li mxew f'din it-triq, speċjalment lill-kollega tiegħi Slovena, Is-Sinjorina Cotman, għall-organizzazzjoni tas-Seba' Laqgħa.

Il-Belġju issa għandu l-ewwel Segretarju ta' l-iStat għall-Ġlieda Kontra l-Faqar. Il-gvern Belġjan għandu l-għan li jagħti importanza kbira lil din il-kwistjoni. Hemm sfida kbira li trid titwettaq, li tirrikjedi azzjoni minn kulħadd. Segretarjat Statali jagħti visibiltà politika lill-ġlieda kontra l-faqar. Ir-rwol tiegħi huwa li nikkoordina u mmexxi l-affarijiet. Xogħlkom huwa li taħsbu. Dak li prinċipalment nixtieq nagħmel hu li nismagħkom, li nisma' xi tridu, l-esperjenzi tagħkom, u dak li tridu jsir. Ma nistgħux naslu għal soluzzjoni mingħajr ma nisimgħu, naqsmu l-esperjenzi u d-djalogu. Il-politika ma ssirx għan-nies imma magħhom, u permezz tat-tħaddim tal-enerġiji ta' kulħadd fuq kull livell, mill-inħawi ta' fejn noqogħdu u l-villaġġ u nkomplu 'l fuq saħansidra sal-awtoritajiet Ewropej.

F'Lisbona, fis-sena 2000, il-Kapijiet tal-iStat u Gvernijiet inkarigaw ruħhom b'miri ambizzjużi, imma bihom ma wasalna mkien. Flimkien irridu nipproponu miżuri konkreti fl-istati rispettivi tagħna u nerġgħu niktbu l-miri Ewropej għal soċjetà li tnissel l-għaqda.

## Is-Sinjura **Salomé MBUGUA***, delegata fis-Sitt Laqgħa Ewropea għal Persuni li qed Jesperjenzaw il-Faqar – 2007*

Għandi pjaċir nieħu din l-opportunità li nirringrazzja lill-organizzaturi ta' din il-laqgħa importanti u li nispera wkoll li dawn it-tip ta' laqgħat jitkomplew.

Inħossni kemm privileġġjata kif ukoll onorata li nkun nista' naqsam magħkom l-esperjenza tiegħi tas-sena l-oħra.

Meta ġejt nominata fl-2007 biex nipparteċipa fis-Sitt Laqgħa ma kontx ċerta x'kont qed nistenna. Erbgħa mill-parteċipanti mill-Irlanda iltaqgħu kemm-il darba biex jippreparaw għall-Laqgħa. It-tema magħżula għall-Irlanda kienet l-esperjenza tal-immigranti, u għalhekk ir-rappreżentanti kienu magħżula minn fost id-diversi kommunitajiet ta' emigranti.

Qbilna fuq sitt aspetti li jagħmlu impatt fuq il-mod u l-kundizzjonijiet ta' ħajja tal-immigranti, u kull parteċipant ingħata wieħed mis-suġġetti ħalli jistudjah. Dawn kienu:

1. €19.10 għal persuni adulti li qed ifittxu l-kenn
2. Il-mobilità restritta
3. L-għaqda mill-ġdid tal-familji
4. Ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni
5. Ħaddiema bla dokumenti
6. In-nuqqas ta' għarfien ta' kwalifikazzjonijiet

L-erba' delegati ħadmu mal-gruppi rispettivi tagħhom biex jiddisinjaw immaġnijiet għal waqt il-preżentazzjoni. L-appoġġ tal-EAPN tal-Irlanda kien ta' għajnuna kbira f'dan il-proċess preparatorju u kien milqugħ bi gratitudni: kien importanti ħafna għalina li jkollna d-dehen u l-appoġġ professjonali.

Id-delegati telqu mill-Irlanda ġurnata qabel il-Laqgħa. Id-delegati tal-pajjiżi kollha kienu mitluba li fis-sezzjoni tal-ftuħ jippreżentaw l-oġġetti tridimensjonali li kienu ddisinjaw. Meta mess lilna, jiena ħassejt li l-presenza tal-erba' delegati minn ambjent ta' minorità etnika swiet ta' sfida.

Aħna konna għażilna li għall-Laqgħa nibgħatu persuni li għandhom esperjenzi diretti tas-suġġetti li kellhom jiġu diskussi. Kienet esperjenza qawwija u li tatna setgħa. Aħna ħassejna li l-preżentazzjoni tagħna fakkret lill dawk preżenti fl-esperjenzi tagħhom; nemmnu wkoll li aħna tgħallimna ħafna mill-oħrajn, għax huwa importanti li wieħed jisma' dwar id-diversità ta' nies li jgħixu fl-Ewropa, l-esperjenzi tagħhom tal-faqar, l-esklużjoni u d-diskriminazzjoni.

Il-presentazzjoni tagħna sfidat ukoll l-idea li għandhom il-maġġoranza tan-nies tas-suċċess ekonomiku riċenti tal-Irlanda. Aħna tajna mportanza lir-rwol tal-emigranti fit-tkabbir ekonomiku, u wkoll ta' kemm dawn baqgħu invisibbli u jgħixu fil-faqar. Kien importanti għalina li nsemmgħu leħinna, li nirrappreżentaw lilna nfusna u li niġu mismugħa bħala persuni ndaqs.

Il-gruppi ta' diskussjoni tawna l-opportunità li nagħmlu kuntatti, naqsmu l-esperjenzi u niffurmaw strateġiji biex nimxu 'l quddiem. It-tmexxija kienet eċċellenti, u stajna nagħtu sehemna u wkoll nitgħallmu mingħand il-parteċipanti l-oħra. L-impatt tal-kuntatti qatt ma jista' jkun stmat iżżejjed, u joħloq ambjent li jgħin ħafna. Matul il-jumejn irnexxieli niltaqa' ma' numru kbir ta' delegati, li wara żammejt il-kuntatt magħhom. Il-preżentazzjonijiet u l-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi l-oħra kienu ta' tagħlim siewi, u l-presentazzjonijiet urew livell għoli ta' kreattività.

Il-Laqgħa kienet immexxija tajjeb ħafna, u l-president kienet attenta l-ħin kollu li tara li d-delegati jkunu kuntenti bil-mod kif imxew l-affarijiet. F'okkażjoni waħda, id-delegazzjoni Irlandiża ġibdet l-attenzjoni lejn xi partijiet neqsin mill-kontribuzzjonijiet tagħhom, u dan ġie rranġat. Dawn it-tip ta' affarijiet huma importanti ħafna għalina, grupp ta' emigranti, u wrewna li konna qed nittieħdu bis-serjetà.

Kienet esperjenza posittiva. L-uniku aspett negattiv kien fil-kisba tal-visa: xi ħadd minna kellu problemi kbar, li servew biex ifakkruna biċ-ċar għalfejn konna ġejna.

## Gruppi ta' Diskussjoni[1]

Inżammu seba' gruppi ta' diskussjoni, li ġabru flimkien:

- Delegati minn 25 Stati Membri u n-Norveġja, li 90% minnhom kienu persuni li ġabu magħhom esperjenzi tagħhom ta' ħajja mgħixa fil-faqar.
- "Mistednin" li rrappreżentaw istituzzjonijiet Ewropej u nazzjonali differenti li għandhom responsabbiltajiet għal azzjonijiet dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali, organizzazzjonijiet Ewropej u xjentisti.
- "Persuni - riżorsi" mill-Kummissjoni, istituzzjonijiet Ewropej, organizzajonijiet nongovernattivi Ewropej, gvernijiet lokali u entitajiet li jipprovdu servizzi.

Din kienet struttura innovattiva ddisinjata biex tistimola skambji rejali.

Il-preparazzjoni għal kull grupp ta' diskussjoni kienet saret minn qabel f'kull Stat Membru, u siltiet minnha – użati fil-bidu tar-rapporti tal-gruppi ta' diskussjoni – ġew ippreżentati minn kull delegazzjoni ħalli jinbdew id-diskussjonijiet iktar faċilment. Fl-aħħar tal-gruppi ta' diskussjoni nkitbet sintassi, u tfasslet ġabra ta' proposti u rakkomandazzjonijiet. Ir-riżultati ġew irrappurtati fis-sessjoni plenarja għall-kummenti u dibattitu.

[1] It-terminoloġija li ntużat waqt il-grupp ta' diskussjoni tħalliet kif kienet oriġinali.

## Id-Dħul minimu

**Siltiet mix-xogħol preparatorju**

*Spanja, Portugall, Norveġja, Malta, Slovenja, Ċipru, Finlandja, Franza, Renju Unit.*

<u>X'qiegħed jaħdem</u>

- Li hemm tajjeb dwar il-dħul minimu huwa li jeżisti, imma dan ma jsolvix il-problema tal-faqar.
- L-iskema tal-dħul minimu hija meqjusa bħala mezz li jwassal għal xi ħaġa u mhux sempliċiment benefiċċju ta' flus, għalhekk biex tingħata kredibbiltà lill-miżura huwa fundamentali li tiġi mibdula fi dritt li jistà jkun il-bażi ta' proċess li jelimina l-faqar tal-familja jew tal-individwu.
- L-iskema tad-dħul minimu hija passaport għal drittijiet oħra (kura, benefiċċju tad-djar eċċ) u għal għajnuna mhux obbligatorja (trasport, ħin liberu, kultura eċċ.)
- L-iskema tad-dħul minimu hija mezz li jservi biex jinbnew mill-ġdid il-ħajjiet tan-nies.

<u>X'mhux qed jaħdem</u>

- L-aċċess għal skemi ta' dħul minimu wisq drabi jiġi kkunsidrat bħala privileġġ u mhux dritt.
- Il-dħul minimu jgħinek tibqa' ħaj, mhux tgħix.
- Il-proċeduri huma mgħobbija b'dewmien u burokrazija. Hemm wisq uffiċjali involuti. Hemm bżonn ikun hemm kuntatt wieħed.
- Il-pubbliku jiddubita x'valur għandha skema ta' dħul minimu biex tiġi megħluba l-esklużjoni soċjali. Huwa essenzjali li l-opinjoni ġenerali tiġi perswasa li huwa mod validu kif tikkumbatti l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u li ninvestu f'taħriġ għal kull min hu involut fl-implimentazzjoni tal-miżura (ħaddiema soċjali, entitajiet pubbliċi, soċjetà ċivili eċċ.).
- Ħafna ħaddiema soċjali ma jifhmux x'inhu l-għan ta' skema ta' dħul minimu u għandhom attitudni negattiva lejn min japplika għaliha.
- Il-paga minima ħafna drabi hija taħt il-livell tal-povertà.
- Żgħażagħ tal-età ta' bejn it-18 u l-25 mhumiex intitolati għad-dħul minimu.
- M'hemmx informazzjoni ċara dwar l-iskema jew dwar il-kriterji ta' kif tikkwalifika għaliha.
- l-attitudni tas-soċjetà tiddiskrimina kontra u tittimbra lill min jieħu benefiċċji ta' dħul minimu, u dan iwassal għall-iżolazzjoni u telf tal-istima li jkollu għalih innifsu.
- l-insigurtà tagħmilha diffiċli li wieħed ikun ġenitur tajjeb.
- Il-benefiċċji tad-dħul minimu jvarjaw wisq; huma lotterija tal-*postcodes*.

<u>Kummenti mill-gruppi ta' diskussjoni</u>

- Id-dħul minimu għenni nerġa' nibni ħajti, insib ħin għalija nnifsi, nikseb trattament mediku.

- Dħul minimu jtik id-dritt għal kura medika u kultura; imma trid tkun int li tagħmel usu minnhom.
- 90% tan-nies li jgħixu fit-triq, bla dar, ma jafux x'inhuma d-drittijiet tagħhom.
- Li tgħix fil-faqar ifisser li tgħix fil-mistħija.
- L-attitudnijiet lejn il-fqar ibbiesu. Lin-nies li jitolbu sigurtà soċjali jagħjruhom li jaħarbu x-xogħol. Imma l-ebda studju ma jgħid li min jieħu dħul minimu huwa għażżien!
- Ikun kemm ikun qasir iż-żmien tal-esklużjoni, inti eskluż minn kollox.
- Persuni bla dar mhumiex persuni tajbin għal xejn.
- Kieku qed isir ħafna abbuż, konna nkunu smajna bih.
- Żgħażagħ tal-età ta' bejn it-18 u l-25 mhuma ntitolati għal xejn.
- Il-barranin, anka jekk għandhom visa, għandhom problemi kbar biex japplikaw għad-dħul minimu.
- Biex tikseb il-benefiċċju tad-dħul minimu għandek korsa mimlija ostakoli.
- Il-faqar waqt ix-xogħol qed jiżdied. Huwa faqar li ma jidhirx.
- Ix-xogħol jingħata valur għola mill-ħajja; dan mhuwiex ġust.
- Aħna ma rridux li jkollna nirrepetu l-istorja tagħna għal xi elf darba.

Sintassi

Il-punt posittiv dwar l-iskema tad-dħul minimu huwa li teżisti, jgħidu d-delegati – għalkemm dan għadu mhux il-każ fl-Ewropa kollha. Imma l-livell mhux għoli biżżejjed għax mhux magħqud mal-għoli reali tal-ħajja. Id-dħul minimu ħafna drabi huwa taħt il-livell tal-faqar, u għandu jkun tal-anqas daqsu. Dawk li ma jistgħux jgħixu bis-saħħa ta' xogħlhom għandhom ikunu jistgħu jgħixu ħajja diċenti.

Il-kundizzjonijiet li trid biex tikkwalifika għad-dħul minimu u l-benefiċċji li jiftaħlek huma differenti f'kull Stat. Kultant huwa passaport għal benefiċċji oħra relatati. Imma biex tasal għall-benefiċċju għandek ukoll ħafna problemi ta' proċeduri mġebbdin, mili ta' ħafna karti rrepetuti, dewmien u burokrazija. Mhux kulħadd jaf bid-drtittijiet li għandu biex japplika għall-benefiċċju tad-dħul minimu jekk ikun fil-bżonn.

L-iskema tad-dħul minimu għandha tkun għodda dinamika li tippromwovi l-inklużjoni. Ix-xogħol mhux l-unika triq għall-inklużjoni – din tista' tintlaħaq ukoll bit-taħriġ, l-aċċess għall-kultura, is-saħħa, u li jingħata valur għal xogħol mhux kummerċjali.

Persuni li jgħixu bi dħul minimu jħossuhom ittimbrati. Huma akkużati li jaħarbu x-xogħol, u li huma għażżenin u anki qarrieqa.

Proposti

- L-iStati Membri kollha għandhom jimplimentaw skema ta' dħul minimu.
- Il-faqar irid jintwera ċar, mingħajr diskriminazzjoni, permezz tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni. Għandu:
    - Iżid l-opportunitajiet fejn jistgħu isiru konsultazzjonijiet u djalogu kostruttiv ma' persuni li qed jesperjenzaw il-faqar, ħalli jiġu maħluqa, immonitorjati u

evalwati l-politiki pubbliċi. Jidentifika entitajiet li jagħtu s-setgħa li dan isir u forums effettivi.

- Jappoġġja l-mod integrat kif il-Kummissjoni Ewropea tittratta u taddotta l-prinċipji komuni ta' inklużjoni attiva li sa jiġu diskussi f'Ottubru tal-2008.
- Iwaqqaf verifiki tal-osservanza, *Euro barometers.*
- Jintuża l-kunċett ta' faqar relattiv u mhux assolut, imma spjegat bl-iktar termini prattiċi possibbli.
- Isir xogħol fuq ir-rabta bejn id-dħul minimu u l-linja tal-faqar.
- Issir kampanja Ewropea fl-2010 dwar il-bżonn ta' skema ta' dħul minimu għall-pajjiżi kollha.

  - Proċeduri amministrattivi jridu jiġu magħmula iktar sempliċi permezz tal-ħolqien ta' post fejn wieħed jinqeda' minn kollox, ħalli jitjieb l-aċċess għall-informazzjoni.
  - Id-dħul minimu jrid ikun magħqud ma' indiċi ta' kemm verament qed togħla l-ħajja. Il-mezzi ta' kommunikazzjoni jridu jkunu nvoluti fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni.

<u>Rakkomandazzjonijiet</u>

- Id-dħul minimu jrid jiġi meqjus bħala għodda dinamika li tista' tintuża faċilment min-nies fil-bżonn ħalli jbiddlu ħajjithom.
- Id-dħul minimu huwa investiment biex tittejjeb l-inklużjoni tan-nies, b'għarfien li x-xogħol mhux l-unika mezz li bih tista' ssir l-inklużjoni.
- Il-parteċipanti jinsistu li hemm bżonn ta' progress fejn tidħol l-informazzjoni dwar u l-aċċess għal dħul minimu. Proċessi amministrattivi għandhom isiru iktar sempliċi, iktar trasparenti, u juru iktar rispett għad-dinjità tal-persuni kkonċernati (pereżempju, billi jinħoloq post wieħed minn fejn issir l-applikazzjoni, u tevita li n-nies ikollhom jirrepetu l-istorja tagħhom ħafna drabi).
- Id-dħul minimu mhux biss dwar il-flus, imma wkoll dwar l-aċċess għal kura medika, kultura u riżorsi li huma neċessarji għal ħajja ta' dinjità.
- Id-Dħul minimu jrid ikun marbut mal-għoli reali tal-ħajja, jikkunsidra ż-żidiet fil-prezzijiet, skond l-istandard ta' kull pajjiż, u b'riferenza għal dak li l-persuni jafu li verament għandhom bżonn. Għaqdiet soċjali nongovernattivi għandhom rwol partikulari biex jgħinu li tiddaħħal xeħta parteċipatorja biex jiġi definit 'basket ta' affarijiet' neċessarji għal ħajja ta' dinjità.
- L-UE għandha tkun qed tmexxi l-għarfien li Dħul Minimu huwa preġju u risors u mhux sempliċiment spiża, u għandha tevita li l-iskemi ta' dħul minimu jiġu ttimbrati bħala 'miżuri passivi'.

# Akkomodazzjoni

**Siltiet mix-xogħol preparatorju**

*Spanja, Polonja, Norveġja, Malta, Italja, Danimarka, Slovenja, Ċipru, Repubblika Ċeka, Litwanja, Irlanda, Renju Unit, Belġju.*

X'Qiegħed Jaħdem

- Xi provinċji għandhom skemi ta' supplimenti fuq il-kera.
- L-awtoritajiet jafu li hemm problemi ta' akkomodazzjoni. Jidher ċar li huma interessati li joħolqu politiki, imma għadu kmieni wisq biex dawn jiġu evalwati.
- Xi muniċipji u reġjuni qegħdin jiżviluppaw politiki lokali u reġjonali ġodda li huma marbuta ma' inklużjoni soċjali għal gruppi żvantaġġjati.
- Persuni li qed jesperjenzaw il-faqar jirċievu benefiċċju li jingħata skond ir-riżultat ta' test tal-mezzi.
- Jeżisti fond għall-akkomodazzjoni li huwa ffinanzjat mill-istat u li jipprovdi self b'interessi baxxi u li jista' jintuża wkoll biex jiġu rranġati d-djar.
- Il-kirjiet huma kkontrollati mill-gvern sal-2010.
- L-akkomodazzjoni soċjali hija prijorità għal persuni li għandhom dħul baxx u familji kbar.
- Is-self għal xiri ta' djar huwa aċċessibbli.
- Organizzazzjonijiet volontarji jipprovdu għajnuna għall-akkomodazzjoni.
- Awtoritajiet pubbliċi għandhom setgħa statutorja li jġagħlu li propjetajiet vakanti jinbiegħu lilhom.
- Jeżistu benefiċċji għad-djar u skemi ta' assistenza, speċjalment ħlas ta' garanziji tal-kera minn ċentri pubbliċi ta' assistenza soċjali.

Dak li mhux qed jaħdem

- Jeżistu ftit wisq djar li huma tajbin għal persuna waħda. U l-irħas fost dawn qatt ma jiġu rreklamati fil-kolonni "Għall-kiri".
- Il-listi ta' stennija għall-akkomodazzjoni spiss huma twal wisq.
- Saħansitra l-irħas djar huma aċċessibbli biss għal familji bi dħul medju.
- Is-suq tad-djar fl-Istati Membri l-ġodda għadu qed jinbidel, b'varjetà kbira ta' sitwazzjonijiet u kirjiet sullokati mhux iddikjarati, u dan xejn ma jgħin biex jagħmel il-ħajja ta' l-iktar nies vulnerabbli iktar faċli. Dawn probabbilment huma l-iktar persuni milquta b'din ir-rata bil-mod ta' l-iżvilupp ... safejn jeżisti xi pajjiz fejn is-suq tad-djar huwa trasparenti u ta' benefiċċju għall-fqar!
- Min juża *hostel* ikollu jħallas ammont kważi daqs kemm hu d-dħul minimu kollu.
- Postijiet offruti bħala akkomodazzjoni soċjali ħafna drabi huma żgħar wisq u ddisinjati ħażin.
- Ċerti bliet għandhom ħafna propjetajiet vakanti. X'jista' jsir biex dawn jimtlew?

- Akkomodazzjoni soċjali tiġi allokata permezz ta' sistema ta' punti. Applikazzjonijiet li jkunu sa jitqegħdu fuq il-lista ta' stennija jiġu kkunsidrati biss jekk ikollhom 19-il punt jew iktar.
- Ma jagħmilx sens li ġo oqsma tad-djar jitpoġġew biss dawk li huma l-iktar maqtugħa mix-xogħol u mis-soċjetà. Dawn il-persuni għandhom ftit opportunitajiet li jiltaqgħu ma' familji u persuni li jgħixu stil ta' ħajja differenti.
- Din is-sena seħħew 1200 tkeċċija minn djar, bi żmien ta' avviż qasir ħafna u b'użu ta' mezzi legali dubbjużi.
- Politiki lokali u reġjonali qawwija dwar akkomodazzjoni jitħaddmu prinċipalment f'inħawi ta' prosperità. Ma teżistix politika nazzjonali ta' akkomodazzjoni.
- Bħalissa mhi qed tinbena kważi l-ebda akkomodazzjoni soċjali.
- L-akkomodazzjoni hija għalja meta tqabbilha mal-pagi.
- Kunsilli lokali qed ibiegħu l-istokk li għandhom ta' akkomodazzjoni soċjali, u dan huwa ta' nkwiet għan-nies.
- Żviluppa suq illegali tal-akkomodazzjoni.
- Persuni mill-kommunità ta' *Travellers* għandhom problemi biex jakkwistaw akkomodazzjoni soċjali.
- Ftit djar huma tajbin għal min għandu disabbiltà, u spiss huma wkoll il-bogħod mill-ħwienet.
- Emigranti għandhom ftit li xejn aċċess għall-akkomodazzjoni soċjali.
- Ħafna familji li jgħixu fi djar b'kerà privata jikkwalifikaw għal akkomodazzjoni soċjali.
- Issib min idur mar-regoli u xi korporazzjonijiet ta' akkomodazzjoni jippruvaw jagħmlu profitt.
- Il-kodiċi tal-akkomodazzjoni tirrikjedi li jkun hemm perjodu ta' prova ta' sentejn qabel ma tingħata kera fissa. Il-kriterji għall-allokazzjoni finali la huma ċari u lanqas indipendenti.
- Il-leġislazzjoni dwar bejgħ ta' bilfors ta' propjetajiet vakanti mhix qed tiġi applikata.

<u>Kummenti mill-gruppi ta' diskussjoni</u>

- L-akkomodazzjoni mhix aċċessibbli għal ċerti gruppi, inklużi persuni b'disabbiltà.
- M'hemmx biżżejjed djar, u l-prezz tal-kiri jista' jitfa' lin-nies f'ħajja fejn ma jkollhomx dar fejn joqogħdu.
- L-akkomodazzjoni m'għandha qatt tkun għola mit-30% tal-paga.
- Spiss, persuni li jesperjenzaw il-faqar ma jkunux jistgħu iħallsu l-garanzija tal-kera.
- Il-gvern ma jipproteġix id-drittijiet tar-*Roma*, *Travellers* u emigranti; huma qegħdin fuq listi ta' stennija għall-akkomodazzjoni. Id-dritt għall-akkomodazzjoni ma jeżistix fil-prattika.
- Familji bi dħul baxx ma jifilħux iħallsu kera. Id-dritt għall-akkomodazzjoni huwa idea fiergħa.
- L-akkomodazzjoni mhix dritt; hija biss merkanzija, prodott.
- Il-problema ta' akkomodazzjoni għandha impatt dirett fuq il-fatt li persuni jkunu bla dar, imma dan ma jidhirx fir-rapporti governattivi.
- Kif jistgħu persuni li jgħixu fit-triq, bla dar, jiksbu assistenza mis-servizzi soċjali?
- Akkomodazzjoni inferjuri tiswa inqas, imma l-livelli ta' kwalità huma atroċi.

- Trid tkun għext fil-pajjiż għal sentejn qabel ma tikkwalifika għal akkomodazzjoni soċjali. Dan għandu impatt li jwaħħax, partikolarment fuq kommunitajiet ta' emigranti.
- Persuni *Roma* jistgħu jiġu mkeċċija mill-belt ta' Ruma jekk ma jkollhomx flus biżżejjed, u jispiċċaw jitkeċċew minn dar wara l-oħra. Jaqtgħulna d-dawl u l-ilma, ngħixu f'kampijiet u nħallsu l-ispejjeż, imma ngħixu qisna annimali. F'Ruma llum stess tkeċċew persuni mid-dar tagħhom; *Roma* m'għandhomx drittijiet. Aħna rridu nintegraw fis-soċjetà, imma ma jħalluniex.
- Ħafna organizzazzjonijiet/gruppi volontarji għandhom l-esperjenza, imma ftit opportunitajiet biex jaqsmuha mal-oħrajn. Għandna bżonn nippruvaw li nġegħlu l-politiċi jagħrfu l-importanza ta' dawn l-organizzazzjonijiet u jtuhom appoġġ.
- Biex tħalli l-ħajja bla dar warajk u tidħol fl-akkomodazzjoni trid l-ewwel taqta' d-droga u x-xorb, u għal dan għandek bżonn l-għajnuna mis-servizzi soċjali u li tieħu responsabbiltà tiegħek innifsek. Imma anki jekk taqta' d-droga u anki jekk ikollok dar, xorta tibqa' l-problema li m'għandekx xogħol, li tista' terġa twasslek għall-abbuż tad-droga.
- Huwa perikoluż li tissuġġerixxi li l-problema ta' nies bla dar hija magħquda biss mal-abbuż tad-droga/alkoħol; dan jirriduċieha għal profil WIEĦED u jista' jwassal li jinħoloq stereotip.
- Is-sitwazzjoni fejn għandek persuni bla dar hija problema anki f'pajjiżi żviluppati ħafna. Hija problema li ilha fuq livell Ewropew u hemm bżonn gradi ta' klassifikazzjoni minimi għaliha. Jekk dawn il-gradi ma jiġux deċiżi, ma jsir l-ebda impatt jew sanzjoni fuq livell Ewropew.
- L-akkomodazzjoni qabel kienet tkun affari tal-istat, illum ittieħdet mis-settur privat. Huma biss 3% tad-djar li huma akkomodazzjoni soċjali.
- L-impressjoni hi li l-iStat mhux qed jerfa' r-responsabbiltajiet tiegħu.
- Il-Fondi Strutturali Ewropej huma limitati wisq: jistgħu jgħinu biss biex jikkumbattu l-effetti mhux mixtieqa, mhux biex jibnu akkomodazzjoni ġdida.

Sintesi

Id-delegati sabu li s-sitwazzjonijiet ivarjaw minn pajjiż għall-ieħor, imma hemm ukoll ħafna similaritajiet. L-akkomodazzjoni hija problema kbira għal kulħadd, imma speċjalment għal persuni b'disabilitajiet, minoritajiet etniċi, u emigranti: inklużi persuni li qed ifittxu kenn, familji b'ġenitur wieħed, *Travellers, Roma* u persuni bid-dħul minimu. Jeżistu politiki posittivi, imma mhux dejjem jitħaddmu fil-prattika fejn il-fondi ma jintużawx sewwa.

Problema oħra kbira fil-maġġoranza tal-pajjiżi, u li toħloq il-problema ta' nies li ma jkollhomx fejn joqogħdu, hija li hemm bżonn ikun hemm djar għall-kiri, u li jkunu bi prezz li jintlaħaq. Xi gvernijiet huma konxji tal-problema imma jippruvaw jgħattuha minflok isolvuha.

Kwistjoni oħra importanti hija l-bilanċ fir-relazzjoni bejn l-inkwilin u s-sid.

Il-livell ta' infurzar tad-drittijiet għad-djar u kif dan jitwettaq fil-prattika jvarja minn pajjiż għall-ieħor: minn sforzi biex jiġu żviluppati prattiċi tajbin, għal akkomodazzjoni ta' livell baxx

ħafna u li l-inkwilini fiha ftit għandhom ċans isibu aħjar, inkella li jispiċċaw mhedda li jitkeċċew jekk ma jħallsux il-kera, anki jekk din tkun baxxa ħafna.

Hemm ukoll każi fejn id-drittijiet bażiċi jidhru qishom ma jeżistux, u fejn id-drittijiet umani huma ddisprezzati, bħal fil-każ tar-*Roma* fl-Italja. Ir-*Roma* spiss jgħixu f'kundizzjonijiet miżeri, mingħajr servizzi bażiċi (elettriku, ilma). Isofru wkoll diskriminazzjoni f'akkomodazzjoni soċjali u spiss jitkeċċew minn djarhom.

F'uħud mill-iStati Membri l-ġodda, il-bidla minn "reġim politiku antik" għall-ġdid qed taħdem kontra l-akkomodazzjoni soċjali, li qed tonqos u taqa' f'idejn is-settur privat, jiġifieri li jaħdem għall-profitt.

Politika ta' akkomodazzjoni trid tħares lejha minn kull naħa. Il-kawżi ta' għixien bla dar huma kumplessi u għandhom ħafna aspetti: politiki ta' akkomodazzjoni, nuqqas ta' impjieg, u ċirkostanzi tal-ħajja li jirriżultaw mill-esklużjoni, pereżempju l-abbuż tad-droga.

L-akkomodazzjoni hija dritt fundamentali li għandu jiġi ggarantit mill-Unjoni Ewropea. Biex tiġi garantita akkomodazzjoni għal kulħadd, l-istokk ta' djar irid jiżdied. Il-kera trid tkun ikkontrollata mill-gvern. Inkwilin m'għandux iħallas iktar minn 30% tad-dħul tiegħu għad-dar. Il-Gvernijiet iridu wkoll jistabbilixxu fond għall-garanziji tal-kera għal persuni li qed jesperjenzaw il-faqar.

Organizzazzjonijiet volontarji jipprovdu appoġġ dwar l-akkomodazzjoni: għandhom jingħatawlhom iktar riżorsi. Ix-xogħol tagħhom jgħin lil dawk l-iktar vulnerabbli ħalli jintegraw fis-soċjetà. Spiss jaħdmu id f'id ma sidien partikolari jew l-awtoritajiet lokali.

<u>Proposti</u>

- L-Unjoni Ewropea trid tagħraf li d-dritt għal post fejn tgħix huwa dritt fundamentali.
- Hemm bżonn tiġi garantita provvista ta' djar biżżejjed biex tilħaq il-bżonnijiet ta' l-akkomodazzjoni soċjali.
- Il-ħlas għall-post fejn toqgħod m'għandux ikun iktar mit-30% tad-dħul.
- Irid ikun hemm rabta soda bejn il-prezz u l-kwalità tad-djar.
- L-Unjoni Ewropea trid tagħti importanza ndaqs lid-drittijiet tas-sidien u tal-kerrejja, u dan ifisser kuntratti ċari li jispjegaw sew id-drittijiet, ħlasijiet, eċċ., u li jkunu wkoll immonitorjati, b'sistema ta' spezzjonijiet u penalitajiet.
- Il-Gvernijiet għandhom jipprovdu għajnuna, li għandha titħallas lura bil-mod, biex in-nies ikunu jistgħu iħallsu l-garanziji tal-kiri.
- It-taxxi fuq il-kera għandhom jiġu kkalkulati fuq il-prezz reali tal-kera.
- Is-servizzi u l-appoġġ effettivi jridu jkunu aċċessibbli għal dawk li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali u għal min hu bla dar. Is-servizzi jridu jkunu addattati għall-bżonnijiet differenti ta' gruppi differenti; iridu jkunu trasparenti u li faċilment jistgħu jinftehmu minn min sa jużahom.
- Il-politiki fformulati għandhom jitħaddmu fil-prattika, ikunu ffinanzjati u mmonitorjati. Jekk hemm bżonn iridu jiġu introdotti penalitajiet għal każi fejn il-politiki ma jitħaddmux.

- Dawk li huma affettwati mill-politiki tal-akkomodazzjoni jridu jkunu involuti fid-deċiżjonijiet li jaffettwawhom fuq livell lokali.
- L-Unjoni Ewropea trid tiżviluppa kriterji u tiffoka l-attenzjoni fuqhom, tagħmilhom magħrufa.
- L-iStati jridu jiżguraw li jkun hemm persentaġġ garantit ta’ akkomodazzjoni soċjali mill-ħażna totali ta’ postijiet għall-kiri.
- L-Unjoni Ewropea trid taddotta d-Direttiva fuq diskriminazzjoni fl-aċċess għal servizzi, u ma dawn iddaħħal l-akkomodazzjoni.
- Organizzazzjonijiet volontarji li jaħdmu man-nies komuni għandhom jingħataw il-fondi.

Rakkomandazzjonijiet

- L-involviment ta’ għaqdiet nongovernattivi u ta’ persuni milquta direttament bi problemi ta’ akkomodazzjoni huwa essenzjali biex jindirizza l-bżonnijiet veri ta’ persuni bla dar u ta’ persuni bi problemi ta’ akkomodazzjoni.
- Huwa essenzjali li tingħata għajnuna finanzjarja biex tinkoraġġixxi lil persuni li jesperjenzaw li jkunu bla dar jitkellmu għalihom infushom u biex tgħin lill-għaqdiet nongovernattivi jirrispondu għall-problemi ta’ akkomodazzjoni.
- Għandhom jiġu żviluppati strateġiji u Pjani Nazzjonali ta’ Azzjoni biex tittieħed azzjoni dwar problemi ta’ akkomodazzjoni u persuni bla dar.
- L-akkomodazzjoni u l-problema ta’ persuni li m’għandhomx dar fejn joqogħdu għandhom ikunu ċentru ta’ sena tematika fl-istrateġija ta’ inklużjoni tal-UE.
- l-eżistenza ta’ akkomodazzjoni Pubblika u Soċjali hija parti essenzjali minn strateġija li taħdem b’suċċess fuq problemi ta’ akkomodazzjoni.
- Fondi Strutturali Ewropej għandhom jagħtu appoġġ aħjar lill-aċċess għal akkomodazzjoni sostenibbli u ta’ prezz li jintlaħaq.
- Stati Membri għandhom jistabbilixxu miri għall-persentaġġ tad-dħul disponibbli li persuni suppost ikollhom iħallsu għall-akkomodazzjoni tagħhom.
- Politiki ta’ tassazzjoni għandhom jiskoraġġixxu li d-djar jitħallew vojta u jintużaw għall-ispekulazzjoni fis-suq tad-djar.
- Huwa essenzjali li ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni fl-aċċess għall-akkomodazzjoni, u l-leġislazzjoni tal-UE f’dan ir-rigward għandha tissaħħaħ u l-implimentazzjoni tagħha tkun immonitorjata strettament.

## Is-Servizzi Soċjali

**Siltiet mix-xogħol preparatorju**

*Spanja, Portugall, Polonja, Norveġja, Italja, Danimarka, Slovenja, Ċipru, Franza, Renju Unit.*

X'qiegħed jaħdem

- Sar investiment f'**taħriġ vokazzjonali**, li gruppi żvantaġġjati jħarsu lejh bħala ċ-ċavetta biex isibu impjieg tajjeb u li jgħaqqad id-drittijiet ta' paga diċenti mad-dinjità umana.
- Xi politiki ta' impjieg li jintużaw attivament, speċjalment programmi ta' aġenziji ta' impjieg uffiċjali, kellhom suċċess billi għenu individwi żvantaġġjati jintegraw fix-xogħol u s-soċjetà u saħħewlhom l-istima fihom infushom.
- Xi persuni li matul is-snin kellhom laqgħat ma' ħaddiema soċjali nnutaw **bidliet fir-relazzjonijiet magħhom**. "Meta tiltaqa' f'ċirkostanzi differenti minn dik fejn qed tapplika għall-assistenza, u titkellem flimkien kontra l-faqar u favur id-dinjità tal-individwu, ir-relazzjoni tinbidel. Lilna ma jibqgħux jarawna bħala problemi, imma minflok jarawna bħala persuni umani li qed nitkellmu fuq il-problemi". Xi ħaddiema soċjali jikkonfermaw dan.
- Xi persuni jgħidu li l-iżvilupp ta' inizjattivi u proġetti ta' għaqdiet nongovernattivi **żiedu n-numru ta' modi li bihom wieħed jista' joħroġ mill-faqar**. Dawk li mxew b'dawn il-modi mhux dejjem jifhmu għaliex l-oħrajn ma jużawhomx bl-istess mod. L-iktar li n-nies jagħtu stima posittiva huwa lill-appoġġ li jieħdu mingħand l-għaqdiet nongovernattivi, iktar milli mill-aġenziji.
- Il-leġislazzjoni ta' riforma (328/2000) dwar l-integrazzjoni ta' servizzi soċjali tagħti applikazzjoni prattika lill-**prinċipju ta' parteċipazzjoni** fl-iddisinjar u t-tmexxija tal-evalwazzjoni tas-servizzi soċjali u x-xogħol li għandu jsir wara.
- Servizzi soċjali diġà għandhom jew qegħdin fil-proċess li jfasslu Karti dwar id-**drittijiet tal-klijenti.**
- Ħafna ħaddiema soċjali u operaturi huma mpenjati bis-serjetà u jemmnu f'xogħlhom.
- Familji b'ġenitur wieħed jirċievu għajnuna supplimentari. Familji bi dħul baxx u dawk li għandhom it-tfal jipprovdulhom b'xejn lil min jieħu ħsieb it-tfal, servizz ta' fejn iħallu t-tfal żagħar, u servizz biex jinżammu t-tfal barra l-ħin ta' l-iskola.
- L-inizjattivi ta' appoġġ soċjali li huma mmexxija minn individwi impenjati jitmexxew tajjeb. Xi ħaddiema fis-settur tal-assistenza jistgħu jammettu meta ma jafux, u jduru fuq il-grupp/l-imsieħba.
- Ħafna inizjattivi lokali jaħdmu tajjeb, imma għandhom nuqqas ta' riżorsi.

X'mhux qed jaħdem

- Hemm **nuqqas kbir** ta' servizzi soċjali, jew fl-ammont totali li jinħtieġ għall-bżonnijiet tal-pajjiż, jew fil-kwalità.

- L-**aċċess** għal **servizzi** tas-saħħa ta' kwalità u t-tulijiet ta' ħin ta' stennija fl-isptarijiet pubbliċi huma problemi li jaffettwaw b'mod partikolari lill-fqar anzjani u lil dawk li jinħtieġu kontinwità fil-kura.
- M'hemmx assikurazzjoni ta' **aċċess għal taħriġ vokazzjonali** ta' kwalità li jwassal għal xogħol diċenti: din hija waħda mill-ikbar problemi għaż-żgħażagħ, ħaddiema bla xogħol, u dawk ta' fuq l-40. Għadu diffiċli ħafna ssib xogħol diċenti, u dan jagħmluh agħar il-kumpaniji l-kbar li jibdlu l-post tal-produzzjoni tagħhom billi jibagħtuh barra mill-pajjiż, u l-waqgħa tas-setturi l-iktar tradizzjonali tal-ekonomija.
- Il-maġġoranza l-kbira ta' min juża s-servizzi mhumiex kuntenti bil-**kwalità tal-kuntatt** li jkollhom mal-ħaddiema soċjali, li ftit juru li jifhmu s-sitwazzjonijiet, u bin-nuqqas ta' flessibiltà: "Iżommu strettament mal-ktieb tar-regolamenti". Il-persuni huma inqas importanti mill-ittra tal-liġi.
- Hemm kwistjonijiet tal-iffinanzjar tal-proġetti: *"Aħna nafu li jeżistu fondi għal proġetti kontra l-faqar. Imma ma tantx nifhmu kif kollox jiġi evalwat. Jidher ċar li* ***m'hemmx kontinwità****. Xi proġetti jieqfu, oħrajn jibdew. Xi kultant il-flus jaslu verament tard u jkollhom jintefqu malajr ħafna. Min jaħseb f'dan kollu? Min jiċċekkja x'qed isir tul iż-żmien ħalli jiżgura li jkun hemm kontinwità? Kultant jinħass qisu li l-promoturi tal-proġetti jagħmluhom ħalli jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom. Il-proġetti ma jikkontribwixxu xejn u l-flus itiru kollha mar-riħ*".
- Il-liġijiet u r-regolamenti ma jiġux applikati kullimkien bl-istess mod.
- Il-prattiċi tajbin huma kważi dejjem ibbażati fuq proġetti, allura meta' jieqaf il-proġett dawn jispiċċaw.
- L-iffinanzjar tal-proġetti jiddependi mir-rieda tajba tal-politiċi/min ifassal il-politiki u mill-flus li jkunu disponibbli f'dak iż-żmien.
- Il-**frammentazzjoni tas-servizzi soċjali** tagħmilha diffiċli ħafna li tittieħed azzjoni ħolistika.
- Burokrazija żejda (wisq xogħol fuq il-karti) huwa ta' dannu għall-immaniġġjar tal-każi; jinħela wisq ħin f'laqgħat. Il-ħaddiema soċjali m'għandhomx ħin jaħdmu sew man-nies.
- **Dawk li jużaw is-servizzi m'għandhomx aċċess faċli għall-fajl tagħhom**. Ħaddiema soċjali ma jieħdux pjaċir li xi ħadd jgħallimhom l-affarijiet.
- Servizzi amministrattivi ma jieħdux responsabbiltà (karti jintilfu) u m'hemmx rimedji għal żbalji amministrattivi li jista' jkollhom konsegwenzi serji.

<u>Kummenti mill-gruppi ta' diskussjoni</u>

- Is-servizzi soċjali huma meqjusa servizzi għall-foqra, u dan jittimbrahom.
- In-nies jistħu jmorru għas-servizzi soċjali.
- L-emfasi f'pajjiżna hija fuq it-taħriġ u mhux fuq kemm jaħdmu tajjeb is-servizzi soċjali.
- Ħafna nies huma intitolati għal servizzi soċjali imma ma jafux. Il-jedd taċ-ċittadin hu li tkun taf fejn għandek iddur għall-għajnuna.
- Il-persuni vulnerabbli ma jħarsux lejhom fit-totalità.
- Is-servizzi soċjali qed jiġu pprivatizzati, u dan ifisser li jagħmlu għall-flus.
- Il-ħaddiema soċjali ma jirrispettawx id-dinjità tal-persuni.

- F'pajjiżi m'hemmx servizzi soċjali biex jgħinuni. Ikolli ndur il-ħin kollu fuq il-ħbieb jew il-familja għall-għajnuna.
- Fis-servizzi soċjali hemm iktar diskriminazzjoni kontra n-nisa.
- F'pajjiżi, ħaddiema emigranti m'għandhomx aċċess għas-servizzi soċjali. Jaħdmu bla ktieb, jgħixu fi djar inferjuri u t-tfal tagħhom ma jmorrux skola.
- Is-servizzi soċjali ma tantx għandhom ħabta juru wisq komprensjoni. Meta mmur hemm, nista' nara x'qed jaħsbu, "X'ġie jagħmel hawn? Dan m'għandux bżonn lilna". Jaħsbu hekk għax m'inix dipendenti.
- Il-faqar mhux problema ta' l-individwu. Il-foqra mhumiex il-kawża tal-problemi tagħhom infushom. Il-mistoqsija li rridu nsaqsu mhix għaliex persuna partikolari hija fqira, imma kif nistgħu innaqqsu l-faqar.
- Persuni ta' bejn it-18 u l-25 sena m'għandhomx dritt għad-dħul minimu. Imma m'hemm l-ebda età li fiha huwa tajjeb li tkun fqir.

<u>Sintassi</u>

Il-parteċipanti tal-gruppi ta' diskussjoni jemmnu li s-servizzi soċjali huma servizzi bażiċi universali u li kulħadd għandu jkollu aċċess garantit għalihom. Iridu jħarsu lejn il-persuna kollha, anki jekk dik il-persuna jkollha problemi differenti. Dan jirrikjedi li s-servizzi kollha jkunu magħqudin u jaħdmu flimkien. Dan il-mod kif taħdem irid jirrispetta l-individwu.

Kien hemm kunsens ġenerali fuq id-diffikultà biex wieħed jikseb servizzi soċjali u informazzjoni fuq id-drittijiet tiegħu.

Is-servizzi soċjali jridu jibqgħu ir-responsabbiltà tal-istat, u d-dritt għalihom jingħata fuq basi statutorja. Hemm bżonn ukoll li jkun hemm provisjoni biżżejjed u ta' kwalità għolja. Li s-servizzi soċjali jiġu pprivatizzati jfisser li jibdew jitħaddmu taħt kriterji ekonomiċi, jiġifieri għall-profitt, b'detriment għall-kunċett ta' servizz.

Is-servizzi soċjali f'ċerti Stati Membri jiddependu fuq l-għoti ta' setgħa, li donnu jsaħħaħ lil min juża s-servizzi. Prattika tajba tkun li tinvolvi lill-għaqdiet nongovernattivi u lis-servizzi pubbliċi fit-tmexxija ta' programmi ta' sigurtà soċjali. Għalhekk huwa importanti li fil-politiki jinvolvu persuni ta' esperjenza tal-faqar.

Il-problema l-kbira fl-organizzazzjoni tas-servizzi soċjali hija l-burokrazija. L-applikanti jridu jimlew rieżmi ta' karti biex jieħdu sa l-iċken servizz. In-nies iħossuhom li jiġu mġegħla jirreċtaw rwol, jilbsu maskra, biex jiksbu aċċess għas-servizzi soċjali. Biex tgħaxxaqha, huwa diffiċli tiflaħ għal dak li jaħsbu fuqek persuni oħra – il-familja u l-ħbieb – għax tuża s-servizzi soċjali. L-għajnuna li jtuk ċerti servizzi spiss tinkludi kuntratt li mhux talli jagħmel pressjoni fuq min jużah, imma wkoll jitfa' r-responsabbiltà lura fuqhom.

Ċerti stati għandhom responsabbiltajiet ta' għajnuna soċjali iddiċentralizzati. L-assistenza soċjali tgħaddi għall-gvern lokali, li toħloq differenzi bejn ir-regoli. Barra minn hekk, it-tmexxija tal-assistenza soċjali spiss tiġi mgħoddija lill-gruppi volontarji.

Id-dritt qiegħed bil-mod jinbidel f'assistenza. Drittijiet li qabel kienu jingħataw awtomatikament qed jitbiddlu fi drittijiet li trid takkwista. L-aċċess għas-servizzi soċjali iktar ma jmur iktar qed isir marbut ma' kundizzjonijiet u kuntratti, u bbażat fuq sanzjonijiet.

Proposti

- Ħaddiema soċjali jridu jkomplu fit-taħriġ waqt li jkunu qed jaħdmu, biex jifhmu l-mentalità tan-nies li japplikaw għall-assistenza.
- Persuni li qed jesperjenzaw il-faqar iridu jkunu mdaħħla fit-taħriġ ta' ħaddiema soċjali futuri biex tinbidel l-immaġni li għandhom tal-faqar. Dan it-taħriġ irid ikun realistiku u jitfa' dawl posittiv fuq l-inklużjoni.
- In-noti fuq il-każi jridu jkunu f'post ċentralizzat ħalli n-nies ma jintbagħtux minn post għall-ieħor.
- L-applikanti jridu jkunu infurmati sew fuq il-proċeduri ta' kif jagħmlu l-applikazzjoni.
- Għandu jkun hemm kuntatt wieħed li jikkoordina s-servizzi differenti.
- Għandu jinħoloq servizz ta' medjazzjoni biex jieħu ħsieb kwistjonijiet li jinqalgħu bejn min jirċievi s-servizz u l-ħaddiema soċjali.
- Il-mod kif jitwassal is-servizz jista' jitjieb permezz ta' appoġġ ipprovdut minn ħaddiem soċjali u impjegat amministrattiv li jaħdmu flimkien.
- Ħaddiema soċjali jridu jkunu jistgħu iġibu l-informazzjoni li hemm bżonn biex jagħtu appoġġ.

Rakkomandazzjonijiet

- Id-dritt għall-aċċess ta' servizzi soċjali ta' kwalità għandu jkun garantit.
- Is-servizzi soċjali għandhom ikunu bi prezz li jintlaħaq, ta' kwalità tajba, u kontinwi, ħalli jilħqu il-bżonnijiet reali u li qed jinbidlu ta' persuni li qed jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali tul ħajjithom u tul il-bdil taċ-ċirkostanzi kollha.
- Kulħadd għandu d-dritt li jiġi ttrattat b'mod indaqs, b'dinjità u li jkollu aċċess għal servizzi soċjali bla ebda diskriminazzjoni.
- Għandu jkun obbligu li kull persuna tingħata l-informazzjoni u l-pariri meħtieġa, u li dawn ikunu f'forma li tintlaħaq minn persuni ta' dħul baxx, jiġifieri minn servizzi lokali.
- Hemm bżonn urġenti li jitjieb l-aċċess għal kura medika u għal akkomodazzjoni ta' kwalità u bi prezz li jintlaħaq.
- Għandu jinħoloq osservatorju Ewropew dwar saħħa u faqar.
- Il-metodu ġdid ta' kif jiġu żviluppati kuntratti ndividwali bejn il-klijenti u min jipprovdi s-servizzi soċjali qed jinkwieta lill-persuni li jgħixu fil-faqar. Hemm bżonn tittieħed azzjoni li tiżgura li dawn il-kuntratti ma jkunux diskriminatorji.
- L-UE għandha tistabbilixxi livelli ta' kwalità li jiżguraw li l-iStati Membri jiggarantixxu aċċess bi prezz li jintlaħaq għal servizzi soċjali ta' kwalità.
- Il-Gvernijiet nazzjonali jridu jiggarantixxu li s-servizzi soċjali jkunu effettivament qed jaħdmu sew skond l-istandardi deċiżi fuq livell Ewropew.
- Is-servizzi soċjali jridu jkunu kkordinati, imwettqa u evalwati fuq livell lokali.
- Biex id-drittijiet umani jkunu rrispettati, persuni li jesperjenzaw il-faqar għandhom ikunu involuti strutturalment fuq kull livell permezz ta' mekkaniżmi ta'

parteċipazzjoni. Mudelli parteċipatorji ta’ żvilupp ta’ politika u implimentazzjoni għandhom ikunu rreklamati u appoġġjati minn mekkaniżmi ta’ ffinanzjar Ewropej u nazzjonali.

## Servizzi ta' interess ġenerali

**Siltiet mix-xogħol preparatorju**

*Ċipru, Finlandja, Renju Unit, Bulgarija, Belgju*

X'qiegħed jaħdem

- Il-kumpanija tal-gass waqqfet fond għal klijenti ta' dħul iktar baxx, imma din l-iskema ftit hija magħrufa.
- Waħda mill-entitajiet li jipprovdu l-enerġija toffri pakkett garantit għal klijenti bi dħul baxx.
- Il-Ministeru tax-Xogħol u Affarijiet Soċjali jgħin lil persuni bi dħul baxx fl-ispejjeż li jagħmlu biex isaħħnu d-dar fix-xitwa.
- Ġiet stabbilita tariffa soċjali.
- Teżisti skema ta' ħlas bil-quddiem għall-arloġġ tad-dawl, bil-kard.
- Il-garanzija ta' servizz minimu tiżgura provvista ta' 100 kWh b'xejn.
- Mhumiex permessi qtugħ ta' servizzi fix-xitwa.

X'mhux qed jaħdem

- L-elettriku huwa għali u "jibla'" parti kbira mid-dħul tan-nies.
- L-ilma mhux għali, imma m'hemmx ħażna kbira, allura n-nies qed jibdew jixtru l-ilma impurtat, li jaqleb il-bilanċ.
- Saret riforma dwar is-servizzi ta' interess ġenerali. Ir-riżultati huma diżastrużi. In-nies qed ikollhom inaqqsu mill-użu jew saħansitra jinqatgħu il-barra mis-sistema.
- M'hemmx sistema ta' monitoraġġ u li titfa' r-responsabbiltà fuq min jipprovdi s-servizzi.
- Servizzi ta' interess ġenerali (SIĠ) jipproduċu l-faqar.
- Il-klijenti ftit għandhom informazzjoni biex iqabblu u jagħżlu bejn min jipprovdi s-servizzi.
- Xi kumpaniji jitolbu ħlas ta' garanzija li ċerti nies ma jifilħux iħallsu.
- Xi inkwilini m'għandhomx arloġġi individwali.
- Huwa diffiċli tifhem il-kontijiet.
- Inti ma tidħolx awtomatikament fuq it-tariffa soċjali, trid tapplika għaliha. Dan jinvolvi ħafna burokrazija.
- Xi persuni li għandhom paga baxxa ma jikkwalifikawx għal status ta' klijent protett.
- Inti trid tapplika għall-arloġġ li jħallik tħallas bil-quddiem; ma jistgħux jitwaħħlu bħala mezz preventiv.
- Id-diffikultajiet fil-ħlasijiet jistgħu jitfgħu persuna f'dejn li ma tkunx tiflaħ għalih.
- Immigranti rregolari ma jistgħux jerġgħu jieħdu servizz ta' gas/elettriku wara li dan ikun inqatalhom.

Kummenti mill-gruppi ta' diskussjoni

- Il-Gvern jgħid x'beħsiebu jagħmel dwar it-tmexxija tas-servizzi ta' interess ġenerali, imma fil-fatt prattiċi ħżiena jipproduċu riżultati nkwetanti.
- Il-forniment tal-enerġija iktar ma jmur iktar qed jaqa' f'idejn is-settur privat.
- Il-kwalità tas-servizzi sejra għall-agħar.
- Min ma jistax iħallas m'għandu l-ebda aċċess għas-servizzi.
- Hemm biżżejjed ilma fil-pajjiż, allura għaliex huwa daqshekk għali?
- Kif tista' żżomm kont ta' kemm qed taħli meta l-arloġġi ta' l-elettriku huma mwaħħlin 12-il metru fil-għoli?
- *Roma* li jgħixu f'kampijiet m'għandhomx aċċess għall-ilma. Ikollhom jgħixu f'kundizzjonijiet medjevali. It-tfal fil-għaxija jistudjaw fid-dawl tax-xemgħa.
- L-avukati jibżgħu jiddefendu n-nies kontra l-kumpaniji l-kbar.
- Tista' tintalab tħallas garanzija ta' 800 ewro; persuna fqira ma tistax tħallas 800 ewro.
- Il-livell ta' dħul għall-benefiċċji minimi huwa għoli wisq.
- Rappreżentanti ta' provvedituri tal-enerġija spiss iduru bieb bieb jippruvaw ibiegħu is-servizzi f'inħawi fejn jgħixu l-klassi tal-ħaddiema, u jgħidulhom kull tip ta' ħmerijiet. Inti tiffirmalhom il-kuntratt, ma jkun irħas xejn, u l-ftehim il-ġdid ma jikkanċellalekx l-antik, allura fl-aħħar tax-xahar issib ruħek b'żewġ kontijiet.
- Persuni li qegħdin f'diffikultajiet serji jistgħu iġibu arloġġ li jaħdem billi tħallas minn qabel. Inti tħallas ta' kemm sa tuża permezz ta' kard.

<u>Sintassi</u>

Il-parteċipanti tal-gruppi ta' diskussjoni kkonkludew li l-privatizzazzjoni tas-suq tal-enerġija ma raħħsitx il-prezzijiet imma għolliethom. Minħabba f'hekk persuni li qed jesperjenzaw il-faqar ikollhom jagħżlu bejn li jkollhom x'jieklu, li jieħdu ħsieb tagħhom infushom, jew li jkollhom servizz ta' l-enerġija.

Kumpaniji li jipprovdu s-servizzi ma jitmexxewx b'mod trasparenti. Il-kontijiet jistgħu ikunu għalja infern, u ma jkunx hemm mezz kif tiċċekkjahom.

Il-metodi ta' bejgħ huma spiss aggressivi, u n-nies isibu ruħhom b'żewġ kontijiet fl-aħħar tax-xahar għax il-kumpanija l-ġdida li tissuplixxik ma tkunx avżat lill-antika li hemm arranġament ġdid. Huwa dmir tal-klijent li jikkanċella l-kuntratt, imma n-nies dan ma jafuhx.

Is-suq tal-gass u l-elettriku jrid jiġi regolarizzat. L-privatizzazzjoni biss ma tispjegax l-għoli fil-prezzijiet. L-istati għandhom biċċa mir-responsabbiltà għax naqsu milli jirregolarizzaw is-suq jew talanqas għax ma fasslux politiki li jipproteġu lil min jiflaħ l-inqas. Il-kompetizzjoni bejn min jipprovdi s-servizzi f'ċerti Stati hija kompetizzjoni falza u l-konsumaturi mhumiex qed jiġu protetti. Il-prezzijiet qed jogħlew imma l-kwalità tas-servizz qed titbaxxa.

L-aċċess għal servizzi ta' interess ġenerali huwa dritt fundamentali.

Il-problemi li hawn bħalissa fil-provvista ta' dawl u ilma jaffettwaw lil kulħadd, imma persuni li qed jesperjenzaw il-faqar huma dawk li huma l-iktar affettwati mill-liberalizzazzjoni. Spiss

jgħixu fi djar li mhumiex iżolati (m'għandhomx protezzjoni fis-sistema tal-elettriku), mhumiex effiċjenti fejn tidħol l-enerġija, u dan iżid il-konsum. Djar ta' akkomodazzjoni soċjali għandhom ikunu iżolati aħjar. Barra minn hekk, id-dħul minimu u xi tipi ta' benefiċċji mhumiex biżżejjed biex wieħed jgħix sew, imma biex sempliċiment jeżisti. Tariffa soċjali għandha stigma inqas minn arloġġ tad-dawl li jitħallas bil-quddiem.

<u>Proposti</u>

- Hemm bżonn jiġu identifikati dawk li huma responsabbli għal din il-privatizzazzjoni mhux ġustifikata.
- Hemm bżonn tinħoloq istituzzjoni b'rappreżentanti miż-żewġ naħat – konsumaturi u sidien.
- Il-klijenti għandhom bżonn jingħataw informazzjoni aħjar.
- Għandu jkun hemm istituzzjoni indipendenti li tgħasses fuq min jipprovdi s-servizzi.
- Il-liġi trid tinbidel.
- Hemm bżonn diskussjoni dwar il-ħolqien ta' pakkett ta' provvista minima ta' enerġija.
- Id-dritt għall-enerġija huwa dritt soċjali fundamentali.
- Hemm bżonn ta' evalwazzjoni wiesgħa kontinwa tal-liberalizzazzjoni tas-suq tal-enerġija.
- Hemm bżonn jitlesta l-abbozz tal-*European Charter* (Karta Ewropea) li tipproteġi d-drittijiet tal-konsumaturi tal-enerġija, u li dan jiġi segwit minn direttiva.
- L-implimentazzjoni tal-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku trid issir mandatorja.
- Iridu jittieħdu miżuri biex il-ħlas għall-enerġija ma jieħux iktar mill-5% tad-dħul tal-familja.
- Dawn l-elementi jridu jiġu kkunsidrati:
  - jiġi żgurat l-immonitorjar u l-kontroll tal-prezzijiet
  - jintroduċu sistema ta' VAT fl-iStati Membri li permezz tagħha s-servizzi bażiċi tal-enerġija jiġu ntaxxati bl-inqas rata
  - simplifikazzjoni tal-amministrazzjoni
  - gruppi bl-inqas dħul ikollhom prezzijiet soċjali massimi regolati
  - miżuri li jillimitaw il-konsum tal-enerġija.
- Irid ikun hemm regolatur tal-prezzijiet tal-bejgħ.
- Irid jinħoloq servizz ta' medjatur.

<u>Rakkomandazzjonijiet</u>

- Irid ikun garantit bħala dritt fundamentali l-aċċess għall-Enerġija u għal servizzi oħra bażiċi, bi prezz li jintlaħaq.
- Stati Membri għandhom jiggarantixxu aċċess bi prezz li jintlaħaq għas-servizzi essenzjali kollha permezz ta' miżuri bħal sistemi ta' prezzijiet regolati, aċċess garantit għal pakkett minimu ta' servizzi, u l-projbizzjoni tal-qtugħ tas-servizzi, eċċ.
- Il-*European Charter on Energy Consumer's Rights* (Karta Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Konsumaturi tal-Enerġija) li qed tiġi proposta trid tinkludi kriterji soċjali u trid tkun torbot legalment. Il-Karta għandha tkun għodda li tipproteġi l-konsumaturi.

- Il-Faqar tal-enerġija jrid jintgħaraf bħala problema ewlenija li għaliha l-UE trid tieħu azzjoni immedjata u urġenti, speċjalment fid-dawl taż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija. Din għandha tinkludi azzjoni fuq prezzijiet ġusti u effiċjenza fl-enerġija u tkun magħquda mas-sistema li tiżgura dħul minimu adegwat.
- L-informazzjoni trid tkun aċċessibbli u tiftiehem u titwassal permezz ta' sevizzi wiċċ imbwiċċ, mhux niddependu fuq mezzi elettroniċi li jiddiskriminaw kontra min għandu dħul baxx. Imma jrid ikun żgurat ukoll servizz ta' pariri indipendenti b'xejn, u proċeduri ta' lmenti effettivi.
- L-effett tal-liberalizzazzjoni fuq is-swieq, inkluż l-impatt tad-Direttiva dwar is-servizzi, għandu jiġi evalwat urġentement biex jitqies x'impatt soċjali għamel fuq persuni li qed jesperjenzaw il-fqar u l-esklużjoni soċjali.
- Jekk irid isir studju sew ta' kemm is-SIĠ u t-tħaddim preżenti tas-suq intern qed iwieżnu l-inklużjoni soċjali, persuni li qed jesperjenzaw il-faqar iridu jkunu mdaħħla fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' politiki relatati mas-SIĠ.

## Rapporti mill-Gruppi ta’ Diskussjoni - Kummenti u Dibattiti

Fis-sessjoni plenarja, ir-rakkomandazzjonijiet li kienu żviluppati waqt il-gruppi ta’ diskussjoni (miktubin fil-kapitlu ta’ qabel) kienu rrappurtati lill-plenarja. Is-Sur Jérôme Vignon mill-Kummissjoni, is-Sur Ludo Horemans, President tal-EAPN, u s-Sinjorina Elise Willame, *Chairperson* tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, għamlu kummenti dwarhom u weġbuhom.

Mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi li saru dwar l-erba’ temi, ħafna mid-delegati talbu li jiġu żviluppati għodda ta’ evalwazzjoni li jkejlu l-progress li jsir bejn Laqgħa u oħra. Filwaqt li aċċettaw il-fatt li biex jipparteċipaw persuni li qed jesperjenzaw il-faqar u tiġi żviuppata azzjoni effettiva dwar il-faqar irid isir proċess twil u li jimxi bil-mod, huma insistew li għandu jkun hemm kriterji oġġettivi biex jiġu evalwati l-Laqgħat, sabiex kull Laqgħa tkun tista’ tkejjel il-progress li ikun sar fil-ġlieda kontra l-faqar.

Semmew ukoll il-bżonn li ssir evalwazzjoni tal-impatt li għandha l-istrateġija preżenti ta’ inklużjoni tal-UE bi preparazzjoni għas-Sena Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali fl-2010.

Jérôme Vignon ta’ tweġiba dwar it-talba li jsir eżami ta’ x’progress kien qed isir bejn il-laqgħat. Filwaqt li qal li dawk kollha involuti jistgħu jagħmlu iktar sforz ħalli jirrispondu għal din it-talba, huwa widdeb li dan jista’ jinbidel f’eżerċizzju li jsir biss fuq il-karta. Rapporti importanti bħall-*Joint Report on Poverty and Social Exclusion* (Rapport Magħqud dwar il-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali) diġà jeżistu u għandna nħarsu lejn dawn ir-rapporti bħala l-post fejn nistgħu naraw x’ikun seħħ mir-rakkomandazzjonijiet li jkunu ħarġu mill-laqgħa. Għandna wkoll nagħrfu li l-proposti tal-Kummissjoni, bħal ma huma l-proposti dwar l-Inklużjoni Attiva, huma sa ċertu punt risposti għall-messaġġi li ħarġu minn dawn il-laqgħat. Aħna għandna bżonn nevitaw li jsiru iktar eżerċizzji fuq il-karti imma naraw li r-riżultati tal-laqgħat jintużaw fix-xogħol ewlieni tal-Kummissjoni.

Dwar il-kwistjoni tas-**solidarjetà**, is-Sur Vignon osserva li biex skema ta’ dħul minimu tkun effettiva trid tkun suffiċjenti, u wkoll li ħafna persuni ma jkollhomx aċċess għaliha. Dwar servizzi soċjali, hemm ukoll il-problema tar-ridistribuzzjoni nazzjonali. Imma fil-klima preżenti ta’ awsterità finanzjarja, jeħtieġ jitwassal il-messaġġ tas-solidarjetà. Ir-rabta bejn l-opportunitajiet, l-aċċess, u s-solidarjetà qed tiġi kkunsidrata mill-Kummissjoni fil-preparazzjoni tal-aġenda ta’ politika soċjali Ewropea li jmiss.

Rigward il-metodu tal-kuntratti li ħafna mid-delegati spiss jesperjenzaw minħabba l-fatt li biex ikunu jistgħu jirċievu l-assistenza soċjali ntefgħu fuqhom kundizzjonijiet li ma jifilħux għalihom, Jérôme Vignon qal li din tirrigwarda r-responsabbiltà personali. Jista’ jsir ftit ħsieb flimkien mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar kif ir-responsabbiltà tista’ tiġi magħquda mal-libertà.

Dwar **il-kapaċità li joħorġu ideat tajbin**, is-Sur Vignon qal li l-parteċipazzjoni hija ħtieġa għall-preparazzjoni ta' Pjanijiet Nazzjonali dwar l-Inklużjoni. Hawn hu l-post fejn hemm bżonn tintuża l-kaxxa tas-suġġerimenti u hemm bżonn tittieħed azzjoni fuq it-tipi ta' ideat li joħorġu minn din il-laqgħa.

L-Unjoni Ewropea ftit għandha influwenza fuq l-**akkomodazzjoni u l-enerġija**, innota Jérôme Vignon. Imma jista' jkollha influwenza indiretta fuq il-politiki. Għalhekk talbiet fuq dawn l-affarijiet jistgħu jitwasslu lil Direttorati Ġenerali oħra apparti mill-Affarijiet Soċjali.

Ludo Horemans, President tal-EAPN, ħaseb li l-ewwel ħaġa li ħarġet mid-dibattiti kienet il-bżonn bażiku għad-drittijiet garantiti. Għandu jingħad li l-isforzi biex id-dħul minimu jitpoġġa fuq l-aġenda fuq livell Ewropew saru. Sal-lum xi Stati għad m'għandhomx skemi ta' dħul minimu u l-iskemi li hemm fl-iStati Membri kollha għadhom mhumiex adegwati. L-importanza ta' skemi ta' dħul minimu effiċjenti u adegwati trid tiġi kkunsidrata bħala investiment importanti.

L-istrateġija tal-Unjoni Ewropea dwar l-Inklużjoni iffukat fuq il-faqar tat-tfal, żied jgħid. Għalhekk issa tinħtieġ azzjoni biex turi li metodu iffukat kif taffronta l-istrateġija jista' jkollu riżultati posittivi. Hemm bżonn li tittieħed azzjoni fl-iktar punt bikri biex jitkisser iċ-ċirku vizzjuż tal-faqar.

Il-kolonna soċjali inqatgħet mill-iStrateġija ta' Lisbona: din hija r-realtà minkejja l-kliem sbieħ fil-konklużjonijiet tal-Kunsill, u jekk irridu naraw progress veru, l-aspett soċjali għandu jkun fuq l-istess livell ta' importanza tal-aspett ekonomiku. L-isforzi li saru permezz tal-Metodu Miftuħ tal-Koordinazzjoni jridu jingħaqdu mad-deċiżjonijiet prinċipali u d-direzzjonijiet ta' politika fl-iStrateġija ta' Lisbona.

Hemm differenza bejn kuntratt ekonomiku u kuntratt soċjali, qal is-Sur Horemans. Bħalissa qegħdin nistrieħu wisq drabi fuq kuntratt ekonomiku biex jingħataw servizzi soċjali, dan mhux dejjem jaqbel mal-bżonnijiet tal-persuni li għandhom bżonn dawn is-servizzi. Irridu li jkollna iktar dibattitu fuq l-impatt li għandha l-liberalizzazzjoni fuq l-aċċess għal servizzi ta' interess ġenerali għal persuni li qed jesperjenzaw il-faqar.

Huwa kkonkluda li l-konsultazzjoni u d-djalogu huma essenzjali biex isir il-progress.

Elise Willame, *Chairperson* tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, qalet li l-Kumitat bħalissa qed jaħdem fuq inklużjoni attiva, li tgħaqqad flimkien tlett suġġetti ta' argument: id-dħul minimu, is-sevizzi soċjali u l-attivazzjoni. It-talbiet imwassla minn din il-laqgħa jingħaqdu ċar ma' dan id-dibattitu fuq l-inklużjoni attiva. Hi insistiet li bħala President tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali hi tipprova tiżgura li l-Kumitat jikkunsidra l-messaġġi mill-Laqgħat Ewropej. Hi nkoraġġiet lid-delegati biex jitkellmu aktar mal-membri tagħhom tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar l-ideat fuq kif tista' taħdem l-inklużjoni attiva. Qalet ukoll li l-messaġġi mill-laqgħat huma f'waqthom ħafna għall-preprazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Azzjoni fuq l-Inklużjoni 2008-2011 u li hu importanti li d-delegati jkomplu jwasslu l-messaġġi tagħhom mal-amministrazzjonijiet nazzjonali responsabbli għall-preparazzjoni ta' dawn il-pjanijiet.

Diskussjoni

Il-kummenti ħarġu varjetà kbira ta' reazzjonijiet mid-delegati. Ġie emfasizzat il-punt li n-nies jistaġnaw fil-faqar.

Kien hemm ukoll espressjoni ta' disgust lejn il-vjolenza kontra r-*Roma* fl-Italja, imfissra ċar bil-ħruq ta' kampijiet minn klikek ta' żgħażagħ f'Napli. Id-delegati ħarġu bl-argument li dan huwa sintomu tan-nuqqas ta' politika soċjali soda. Id-delegazzjoni Taljana talbet lill-Ewropa biex tagħmel proposti lill-gvern Taljan u titkellem kontra din is-sitwazzjoni.

Il-qagħda mwegħra ta' persuni li jbatu minn mard rari, speċjalment f'Malta, kienet ukoll kwistjoni ta' nkwiet. Wieħed mid-delegati kkummenta li d-dħul minimu mhux biżżejjed biex jitħallsu l-ispejjeż minimi. F'villaġġi żgħar, anki jekk in-nies iridu jaħdmu, dan jagħmluh b'telf. Delegat ieħor argumenta bil-qawwa li l-ilma mhux propjetà privata. Hemm bżonn li l-aċċess għall-elettriku u l-gass ikun iggarantit u pprovdut mill-iStat.

Tweġibiet oħra semmew il-problemi li għandhom għaqdiet nongovernattivi biex jiksbu fondi Ewropej, li għandhom jitħallsu direttament lill-organizzazzjonijiet volontarji. Mistoqsija rikorrenti kienet, "Għaliex l-UE m'għandhiex iktar responsabbiltà inkwantu li tiżgura li kull stat membru jkollu politika ta' akkomodazzjoni adegwata?"

Xi kummenti qatgħulhom fil-qasir: "Kliem sabiħ dwar is-solidarjetà iktar ma jmur iktar qed jitlef kull tifsira jekk il-Kummissjoni ma tieħux passi biex tipproteġi standardi soċjali ta' livell għoli bħal pereżempju li tinsisti li kull Stat Membru jiffissa ammonti minimi ta' assistenza." Saret talba li, "L-Unjoni Ewropea għandha toħroġ fil-miftuħ dak li tagħmel biex tikkumbatti l-faqar u l-esklużjoni soċjali". Xi sorpriżi ntwerew dwar kemm hi effettiva l-strateġija ta' Lisbona meta, "Il-ħaġa stramba hi li għad baqa' tant inġustizzji fl-Ewropa."

## Sezzjoni tal-Egħluq

Is-Sur **Vladimir Špidla**, *Kummissarju Ewropew għax-Xogħol, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqs.*

Id-dibattiti li nżammu f'dawn l-aħħar jumejn juru li għad baqa' faqar mifrux madwar l-Unjoni Ewropea, imma għadu jwaħħaxna u jġegħlna nieħdu azzjoni biex indawwru x-xejra tal-ġrajjiet.

Aħna ngħixu f'pajjiżi hekk imsejħa "sinjuri", f'Unjoni Ewropea li hi parti mid-dinja industrijalizzata u żviluppata, bi dħul gross domestiku ta' il-fuq minn 23,000[2]. Minkejja dan, l-Unjoni Ewropea għadha qed tiġġieled ma' livell sinifikanti ta' faqar. Huwa inaċċettabbli li l-faqar jhedded lil 78 miljun persuna fl-Unjoni, tant individwi li jitħabtu kontra l-esklużjoni u l-marġinalizzazzjoni fis-soċjetà tagħna.

Is-solidarjetà hija prinċipju ewlieni ta' l-Unjoni Ewropea. Hija parti mill-iskop essenzjali tagħha, bl-istess mod li s-solidarjetà hija waħda mill-kolonni tal-mudell soċjali Ewropew. M'hemmx għażla oħra ħlief li nkomplu nimxu lejn Ewropa ta' iktar ugwaljanza li ma tħalli l-ħadd jaqa' lura. Permezz ta' dan, inkunu qed naħdmu wkoll għall-prijoritajiet għal iktar tkabbir, iktar xogħol, u koeżjoni soċjali akbar li fasslet l-istrateġija ta' Lisbona.

Il-mexxejja tal-UE fis-sena 2000 għamlu patt speċifiku li jikkumbattu l-faqar, u taw wirja ċara tad-determinazzjoni tagħhom li jegħelbu dan il-flaġell sal-2010.

Il-Kummissarju Špidla għamel tlett argumenti qawwijin:

- L-ewwel, il-**bżonn li jkun involut kulħadd** fil-ġlieda kontra l-faqar, u li l-persuni li jfasslu l-politika jagħtu każ tal-opinjonijiet ta' kulħadd, speċjalment tal-persuni affettwati;
- It-tieni, **azzjoni mill-Unjoni** biex twieżen lill-iStati Membri ħalli lkoll nimxu l-quddiem fl-istess direzzjoni u kollna flimkien inġegħlu l-faqar jirtira.
- Fl-aħħar, ried **jiffoka fuq l-iktar gruppi żvantaġġjati**, li huma l-iktar affettwati mill-faqar.

Aħna qegħdin miġburin hawn għas-seba' waħda minn dawn il-Laqgħat Ewropej. Is-snin jgħaddu, imma l-messaġġ tagħna jibqa' sod l-istess: il-persuni li qed jesperjenzaw il-faqar għandhom id-dritt li jkollhom vuċi u li jagħtu kashom.

l-ewwel laqgħa minn dawn, fl-2001, li tat vuċi lil dawk li mhux soltu jinstemgħu, kienet rebħa kbira. F'dawn l-aħħar tlett snin, ma' dik il-proċedura aħna żidna d-djalogu bejn persuni li qed jesperjenzaw il-faqar u l-persuni ewlenin li jiddeċiedu l-politika fl-Unjoni Ewropea. Seba' snin

[2] Figuri tal-2005. Meħuda mill-Eurostat.

wara, aħna bdilna din il-prattika f'għodda li tmexxi d-deċiżjonijiet li aħna nieħdu. Ikolli ngħid li bħala wieħed li nfassal il-politika, jiena nagħti valur kbir lid-djalogu ma persuni li qed jesperjenzaw il-faqar. Huwa proċess essenzjali li jġegħlna niffaċċjaw ir-realtà. Huwa preċiżament għalhekk li aħna qegħdin hawn illum: biex dawk li persuni li jiddeċiedu l-politika, dawk li għandhom il-possibiltà li jaqilbu l-bilanċ u jnaqqsu l-faqar, ikunu jistgħu jisimgħu x'għandhom x'jgħidu dawk li huma affettwati.

Matul is-snin, il-Laqgħat żiedu iktar piż ma' l-idea li ħidma kontra l-faqar trid issir fuq numru ta' aspetti differenti f'daqqa. Kwistjonijiet ċentrali huma x-xogħol u l-pagi, kollha naqblu dwar dan; imma biex il-faqar jispiċċa għal kollox, irridu ngħaqqdu dawn l-isforzi ma' politiki koordinati fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ, kura tas-saħħa, aċċess għal servizzi soċjali, u b'mod iktar ġenerali dwar l-integrazzjoni.

Dwar dan, naħseb li ilkoll stajna naraw li l-organizzaturi għamlu għażla tajba meta ffokaw fuq l-erba' biċċiet tal-*jigsaw* fil-ġlieda kontra l-faqar li huma l-akkomodazzjoni, id-dħul minimu, is-servizzi ta' interess ġenerali u s-servizzi soċjali.

**X'inhi tagħmel l-Unjoni Ewropea kontra il-faqar.**

Hemm aspettattivi għoljin ta' x'tista' tagħmel l-Unjoni Ewropea, u aħna m'għandniex nittraduhom. Ir-responsabbiltà ewlenija tal-ġlieda kontra l-faqar tibqa' tal-iStati Membri, imma l-Unjoni Ewropea għandha rwol importanti x'tagħmel billi tagħti appoġġ lill-azzjonijiet li jieħdu.

F'din il-ġlieda aħna rridu nużaw l-għodod li għandna bl-iktar mod sħiħ:

- L-ewwel, l-istrateġija attiva ta' inklużjoni li aħna bdejna tgħinna nimxu l-quddiem fl-integrazzjoni taċ-ċittadini li nqatgħu l-iktar mix-xogħol. B'mod speċifiku, nużaw il-qawwa tal-lieva ta' Fond Soċjali Ewropew biex nagħmlu dan;
- L-Unjoni Ewropea twieżen ukoll l-isforzi tal-iStati Membri billi tikkoordina l-azzjonijiet tagħhom fuq il-faqar permezz ta' dak li nsejħu l-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni; dan il-metodu joffri sistema komuni għall-analiżi u programm għall-bdil ta' ideat biex jiġu mqabbla u evalwati r-riżultati tal-politiki;
- L-Unjoni Ewropea ddeċidiet ukoll li tagħmel is-sena 2010 is-"Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali"; b'baġit ta' sbatax-il miljun ewro, din is-Sena Ewropea sa tgħin biex il-pubbliku jsir iktar konxju li l-faqar huwa flaġell li għadu jħassar il-ħajja ta' ħafna Ewropej.

Dawn l-għodda jagħmluha possibbli li naħdmu fuq il-faqar tal-lum. Imma s-soċjetà tagħna hija mdawwra bi sfidi kbar li qed joħorġu fid-dawl realtajiet soċjali ġodda. Qiegħed naħseb fil-globalizzazjoni, iż-żieda fl-età demografika, teknoloġiji ġodda, u l-bidla fil-klima.

L-Unjoni Ewropea trid tirreaġixxi. Il-Kummissjoni ħadet l-inizjattiva: aħna qegħdin nippreparaw Aġenda soċjali mġedda, li sa tkun ippreżentata qabel is-sajf. Din l-aġenda sa tipprova tagħti liċ-ċittadini sħabna l-għodda li għandhom bżonn għal integrazzjoni soda u sostenibbli fid-dinja globalizzata u dejjem tinbidel tagħna.

**Focus fuq il-gruppi l-iktar vulnerabbli**

Huwa essenzjali li dan l-impetu ġenerali ma jħalli l-ħadd warajh. Ċerti gruppi – bħal persuni b'diżabbiltà, immigranti u minoritajiet etniċi, ibda mill-kommunità *Roma* – huma iktar vulnerabbli għall-faqar minn oħrajn.

Dawn il-gruppi huma fil-qofol tal-azzjonijiet tagħna, permezz ta' mod fuq tlett livelli ta' kif taffronta l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni li hemm kontrihom:

- l-ewwel, permezz ta' aċċess aħjar għas-servizzi
- wara, permezz ta' għemil li jobdi l-liġijiet ta' kontra d-diskriminazzjoni, li aħna sa nżommu partikolarment taħt għajnejna
- fl-aħħarnett, meta jiġi kkunsidrat neċessarju, permezz ta' metodi mmirati; dan ikun il-każ pereżempju għall-kommunità *Roma*, fejn il-faqar huwa endemiku u mifrux (speċjalment fost in-nisa *Roma*). Il-Kummissjoni beħsiebha wkoll li fl-aħħar ta' Ġunju tippubblika rapport fuq l-istrumenti tal-Kommunità li jippromwovu l-inklużjoni għar-*Roma* taħt l-Aġenda Soċjali mġedda.

**Konklużjoni**

Irridu nkunu ċari dwar il-fatt li, minkejja l-prosperità relattiva tagħna, l-Unjoni Ewropea ma tistax toffri garanziji qawwija kontra l-faqar.

Jekk għandna nagħmlu progress sinifikattiv fit-tnaqqis tal-faqar, irridu nibdew attakk bil-mezzi tagħna kollha fuq dan il-fenomenu persistenti. Biex niksbu risultati tajbin l-iStati Membri kollha jridu jagħmluha prijorità u rridu nimxu l-quddiem fl-istess direzzjoni.

L-Unjoni Ewropea sa tkompli tagħmel il-parti sħiħa tagħha f'din l-isfida. L-Aġenda Soċjali mġedda li sa nikxfu fi żmien ftit ġimgħat ħa tagħmilha possibbli li jsir pass kbir il-quddiem f'din id-direzzjoni, u tagħti forma naqra iktar prattika lid-deċiżjoni tagħna li neqirdu dan il-flaġell.

## Is-Sinjorina **Romana TOMC***, Segretarju tal-iStat, Ministeru tax-Xogħol, Familja u Affarijiet Soċjali, Slovenja*

Din il-laqgħa probabbilment ma kenitx tkun possibbli mingħajr l-attivitajiet u l-isforzi tal-*European Anti-Poverty Network* (EAPN). Nixtieq nuri r-ringrazzjament tiegħi lilhom, u b'mod partikulari lis-Sur Farrell, id-Direttur tal-EAPN, u t-tim tiegħu.

Nixtieq ukoll nirringrazzja sinċerament lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Kummissarju Vladimir Špidla, lis-Sur Vignon, u lir-rappreżentanti tal-Gvern Belġjan, li pprovda l-post għal din il-laqgħa ta' jumejn.

Intom ħdimtu ħafna. Intom qsamtu l-esperjenzi tagħkom, fittixtu tweġibiet u soluzzjonijiet ġodda biex ittejbu l-posizzjoni soċjali tagħkom; intom tajtu wkoll l-opinjonijiet u l-kritiki

tagħkom fuq xi azzjonijiet li ħadu ċerti Stati Membri fuq bażi ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali li jiġġieldu kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali.

Kellna l-opportunità li niddiskutu dawn il-kwistjonijiet fi gruppi ta' diskussjoni u fis-"suq", u li niddiskutu l-affarijiet direttament mal-persuni involuti. Għalija kienet esperjenza posittiva.

Fis-Slovenja, aħna konxji li l-problema tal-faqar u l-esklużjoni soċjali trid tiġi ttrattata b'mod serju u responsabbli. Minkejja l-figuri relattivament favorevoli li aħna għandna meta tqabbilhom mal-medji nazzjonali, aħna konxji li l-posizzjoni ta' persuni li qed jesperjenzaw il-faqar hija sfida kontinwa. Iktar minn hekk: qegħdin f'riskju wkoll l-isforzi u l-attivitajiet tal-persuni kompetenti involuti u ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fejn għandu x'jaqsam ma' l-istrateġiji u miżuri speċifiċi li jaffettwaw il-ħajja ta' kuljum u x-xogħol ta' kull membru tas-soċjetà tagħna, partikolarment tal-iktar gruppi u individwi vulnerabbli. Wisq drabi nippruvaw inwaħħlu fil-globalizzazjoni, fil-progress tekniku, u fiż-żieda fl-età tal-popolazzjoni għal kemm qed jimxi bil-mod il-progress lejn il-kisba tal-oġġettivi tagħna. Sa ċertu punt jista' jkun veru. Però, fid-dawl tad-diskussjonijiet li kellna matul dawn il-jumejn, jiena wasalt għall-konklużjoni li għad jista' jsir ħafna permezz ta' titjib fil-politika u bidliet ta' prattiċi.

Il-Laqgħa ta' din is-sena ffokat fuq erba' suġġetti li huma assoċjati mal-ġlieda kontra l-faqar: is-servizzi soċjali, is-servizzi ta' interess ġenerali, il-politika ta' akkomodazzjoni u d-dħul minimu.

Jiena konvinta li aħna nkunu nistgħu indaħħlu l-konklużjonijiet tad-diskussjonijiet tagħkom f'dawn il-jumejn fil-politiki u l-istrateġiji futuri tal-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali.

Matul diskussjonijiet riċenti fuq l-Aġenda Soċjali mġedda, aħna sirna aktar u aktar konxji li l-oġġettivi soċjali jridu jiġu nkorporati fil-politiki kollha tal-UE. Għandna bżonn niffaċilitaw l-aċċess għall-edukazzjoni, kura tas-saħħa ta' kwalità għolja, protezzjoni soċjali u servizzi oħra ta' nteress ġenerali. Fl-aħħarnett, għandna bżonn ukoll tas-solidarjetà: lejn l-individwi, meta ma jistgħux jieħdu ħsieb tagħhom infushom, u mis-soċjetà kollha kemm hi, kontinwament, biex teżisti u tiżviluppa.

Fl-aħħar ta' din il-Laqgħa, nixtieq nagħmel ringrazzjament partikolari lil dawk kollha fostkom li ħadtu parti attiva fil-gruppi ta' diskussjoni biex tagħtu kontribut għall-istandard tal-ħajja u d-dinjità tal-persuni li qed jesperjenzaw il-faqar.

## Is-Sur **Martin HIRSCH**, *Kummissarju Għoli għas-Solidarjetà Attiva Kontra l-Faqar, Franza.*

Nixtieq immur lura għal punt li tqajjem iktar kmieni dwar id-dħul minimu. Ma jistax ikollok ħajja diċenti mingħajr dħul minimu. Franza daħħlet skema ta' dħul minimu 20 sena ilu, u llum għandna tlett darbiet iktar applikanti milli stennejna. Il-ħajja għal dawn in-nies tibqa' diffiċli, u dawk li jirnexxielhom isibu xogħol jaqilgħu ftit iktar mill-ammont minimu, allavolja għandhom spejjeż iktar xi jħallsu, bħal min jieħu ħsieb it-tfal u t-trasport.

Sakemm l-aġenziji tax-xogħol jibdew jinkludu applikanti għad-dħul minimu – għax m'hemmx għalfejn tkun reġistrat li qed tfittex xogħol biex tapplika għad-dħul minimu – aħna sa nibqgħu f'ċirku vizzjuż. L-aġenziji tax-xogħol qegħdin hemm biex jgħinu lin-nies jerġgħu jidħlu lura fis-suq tax-xogħol, imma dan mhumiex jagħmluh għax min japplika għad-dħul minimu ma jistax jibqa' bih għal dejjem.

Kif nistgħu nibdlu l-affarijiet biex ngħaddu minn skema ta' dħul minimu għal xi ħaġa li mhix l-aħjar ħaġa li tista' tinqeda biha bħalissa? Kif nistgħu nibdlu l-iskema ta' dħul minimu ġo xi ħaġa li twassal għal paga bażika fis-suq tax-xogħol? Din hija mistoqsija ta' ħtieġa kbira. Sakemm ma nkunux solvejna din il-problema, ma nkunux nistgħu inżidu d-dħul minimu, għax diġà hemm wisq nies li joħduh u b'baġit limitat, jekk irridu nżidu l-ammont li jingħata, ikollna nippruvaw innaqqsu n-numru ta' nies li jieħdu d-dħul minimu.

L-isfida hija iktar kumplessa għax jeżistu żewġ tipi ta' Stati Membri: dawk li għandhom sistema ta' dħul minimu u dawk li m'għandhomx. U anki dawk li għandhom sistema ta' dħul minimu għandhom bżonn jerġgħu jistudjawha jekk irridu inqas nies jgħixu fil-faqar fl-Unjoni Ewropea, jekk irridu nerġgħu indaħħlu n-nies fis-soċjetà stabbilita.

Flimkien mal-Kummissjoni Ewropea u mal-Presidenza, irridu nagħtu appoġġ lill-miri relevanti u anki nsaqsu lill-persuni li qed jesperjenzaw il-faqar biex jidħlu magħna: għax dawn il-miri sa tilħquhom intkom. Għandna bżonn ukoll niżguraw li x-xogħol u s-solidarjetà jaħdmu flimkien u mhux jiġbdu f'direzzjonijiet opposti. Irridu nħarsu lejn il-prattiċi tajbin, dawk li jaħdmu, u nippruvaw nagħmlu bħalhom fuq livell Ewropew. Dak li rnexxielu jagħmel grupp wieħed ta' ċittadini jista' jiġi mkattar għal mijiet oħrajn fl-Ewropa. Dan u l-Laqgħat tal-futur ikunu l-forum fejn niċċekkjaw il-polz ta' dak li diġà sar u anki fejn inħarsu 'il quddiem lejn titjib li miexi 'il quddiem.

Is-Sur ***Marian HOSEK**, Deputat Ministru għall-Politika Soċjali, Servizzi Soċjali u Politika tal-Familja, Ministeru tax-Xogħol u Affarijiet Soċjali, Repubblika Ċeka.*

L-ewwel nett, f'isem il-Presidenza futura Ċeka tal-Kunsill tal-UE, ippermettuli nirringrazzja l-Presidenza Slovena, l-EAPN, u l-Kummissjoni Ewropea tal-opportunità li nkellem lil din is-Seba' Laqgħa ta' Persuni li Qed Jesperjenzaw il-Faqar. Nixtieq nuri l-ammirazzjoni tiegħi lill-presidenza Slovena għall-organizzazzjoni brillanti ta' dan l-avveniment.

Il-Laqgħat Ewropej ta' Persuni li Qed Jesperjenzaw il-Faqar huma opportunità unika għal diskussjoni ma persuni li jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali, dawk li jgħinuhom jegħlbu d-diffikultajiet tagħhom, u dawk li jippruvaw jaħdmu fuq dawn il-problemi ta' kuljum permezz tad-deċiżjonijiet politiċi li jieħdu. Għalija personali, il-parteċipazzjoni tul dawn il-jumejn kienet esperjenza li ma nistax infisser kemm tiswa'. Matul il-Laqgħa, jiena tajt widen għall-problemi li għandkom biex issibu xogħol li jsostnikom, biex tħallsu għal fejn toqogħdu, għall-edukazzjoni, u għall-attivitajiet tal-ħin liberu għat-tfal tagħkom. Nista' nkompli għaddej, għax il-lista ta' affarijiet li jinkwetawkom hija twila.

Huwa allarmanti li għad hawn iktar minn 78 miljun persuna fl-Ewropa li jgħixu taħt il-livell tal-faqar. Minn dawn, 19-il miljun huma tfal. Sistema ta' protezzjoni soċjali effiċjenti, u politiki li jilqgħu minn qabel għall-faqar, jistgħu jgħinu lil dawn in-nies. Fuq livell statali u amministrattiv, huwa neċessarju li negħelbu d-dipartimentalizzazzjoni li għadha tinstab fost l-istrumenti u l-politiki li jittrattaw kwistjonijiet dwar il-faqar. Hemm bżonn tinstab taħlita xierqa ta' politiki ffokati flimkien kemm fuq prevenzjoni u kif ukoll fuq stimolu biex wieħed isir ekonomikament attiv minflok jgħix fuq l-assistenza. Fuq livell Ewropew, huwa essenzjali d-djalogu dwar il-problemi tal-faqar u l-esklużjoni soċjali u l-appoġġ għall-kooperazzjoni fost l-iStati Membri biex jaqsmu bejniethom politiki li għaddew mit-test taż-żmien.

Fl-2007, terz mill-persuni li saqsewhom, "Minn xhiex jibżgħu l-Ewropej?" wieġbu, "Il-qagħad". Il-kriminalità, il-kura tas-saħħa, l-għoli fil-prezzijiet, l-immigrazzjoni u l-pensjonijiet tal-irtirar kollha ħarġu stqarrijiet ta' biżgħat simili. L-aħbar it-tajba hi li n-nies kienu jibżgħu inqas mill-qagħad minn dawk tas-snin ta' qabilhom. L-impjieg, il-mobbiltà fis-suq tax-xogħol u l-involviment attiv ta' dawk li huma l-iktar maqtugħa mis-suq tax-xogħol huma prijoritajiet għat-tlett presidenzi li jmiss – dawk ta' Franza, r-Repubblika Ċeka u l-Isvezja.

Matul il-presidenza tagħha, ir-Repubblika Ċeka sa tkompli timxi fuq politika ta' servizzi soċjali f'termini ta' inklużjoni attiva flimkien ma' politiki li jiffokaw fuq integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u biex tiggarantixxi dħul minimu. Biż-żieda fl-età tal-popolazzjoni, sa jiżdied is-sinifikat u l-potenzjal tas-servizzi soċjali.

Is-servizzi soċjali, speċjalment servizzi ta' prevenzjoni soċjali, jsaħħu iktar il-kompetenza ta' dawk li jużawhom, u b'hekk iwasslu għall-inklużjoni soċjali. Huma jipprovdu appoġġ essenzjali li jippermetti lill-persuni jżommu d-dinjità tagħhom u jieħdu sehem fl-istess attivitajiet soċjali bħall-oħrajn. Fir-Repubblika Ċeka aħna għaddejjin minn riforma fis-servizzi soċjali mmirata lejn il-ħolqien ta' sistema ta' servizzi soċjali li tirrispondi għall-bżonnijiet

umani u għall-iżviluppi fis-soċjetà. Aħna noqogħdu attenti li niżguraw li d-deċiżjonijiet dwar it-twassil ta' servizzi jittieħdu qrib kemm jista' jkun tal-persuni, jiġifieri fil-muniċiplaità fejn tgħix il-persuna. Tul il-presidenza tagħna tal-Unjoni Ewropea, aħna sa nimmiraw li naqsmu mal-oħrajn il-progress li ksibna fil-kwalità u fid-disponibiltà tas-servizzi soċjali.

Il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali hija l-għan komuni tagħna u għandha tkun viżibbli. Għalhekk it-tlett presidenzi li jmiss sa jippruvaw jillestu l-preparazzjonijiet għal deċiżjoni mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew li jiddikjaraw l-2010 bħala s-Sena Ewropea tal-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali.

Biex nagħlaq, nixtieq nemfasizza l-importanza ta' din il-Laqgħa u nistedinkom għat-Tmien Laqgħa Ewropea ta' Persuni li Qed Jesperjenżaw il-Faqar, li sa ssir fi Brussell fl-2009 taħt il-Presidenza Ewropea Ċeka.

Is-Sur **Ludo Horemans**, *President tal-EAPN*

Nixtieq immur lura għal dak li kellu x'jgħid il-Kummissarju Špidla dwar il-wegħda mogħtija mill-Kapijiet ta' Stat u Gvern fis-sena 2000, li sal-2010 "jagħmlu impatt deċiżiv fuq il-qerda tal-faqar". Aħna għaddejna żewġ terzi mit-triq f'din il-mixja lejn id-data finali deċiża għal dan il-għan, u qed nippreparaw li nevalwawha, imma diġà nafu li l-impatt mhux sa jkun tant deċiżiv. Anki l-figuri li kultant kapaċi jħawdu bir-realtajiet juru li ftit li xejn għamilna progress.

Is-sena 2010 sa tkun is-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u timmarka t-tmiem ta' l-iStrateġija ta' Lisbona. Sa tkun opportunità li jitkejlu ż-żewġ kolonni ekonomiċi u soċjali ta' dik l-istrateġija. Sa jkun iż-żmien li niksbu impenn ġdid mill-Kapijiet ta' Stat u Gvern, b'oġġettivi iktar ċari u skopijiet li niċċekkjaw xi progress ikun qed isir sena wara sena.

Qabel jagħmlu wegħdiet ġodda, nixtieq li l-istituzzjonijiet Ewropej (il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament) jagħmlu evalwazzjoni tajba, li jimpenjaw ruħhom għal evalwazzjoni kif għandha tkun, li tfittex fil-fond u fil-wisgħa, tal-perijodu ta' qabel. Aħna rridu nemfasizzaw, u riżoluti f'dan, li l-iStrateġija ta' Lisbona ma tkunx evalwata biss mill-imsieħba ekonomiċi, imma fuq firxa iktar wiesgħa minn kull min hu kkonċernat minn dik l-evalwazzjoni, li tinkludi persuni li qed jesperjenzaw il-faqar.

Nispera li l-Aġenda Soċjali mġedda li qegħdha tinħadem tagħti l-opportunità u toħloq l-arena biex dik l-evalwazzjoni ssir mill-parteċipanti kollha.

Jiena m'inix qed nitfa' dawn l-aspettattivi biss fuq l-istituzzjonijiet Ewropej. Jiena nemmen li aħna ilkoll, bħala delegazzjonijiet għal din il-Laqgħa Ewropea, irridu nissikkaw lill-gvernijiet tagħna biex niksbu din l-evalwazzjoni fil-wiesgħa u wegħda ġdida għaż-żmien li ġej.

## Lista ta’ Parteċipanti

### *DELEGATI*

AWSTRIJA

| | |
|---|---|
| Is-Sinjorina HLAWATY Waltraud | Strassenzeitung Augustin |
| Is-Sinjorina GNAHORE Christiane | International Centre for Black Women’s Perspektive |
| Is-Sinjorina ZEHENER Gabriele | Strassenzeintung Kupfermuckn |
| Is-Sur GACH Peter | SHG fMisl |
| Is-Sur SCHÜTTE Michael | Strassenzeitung Augustin |

BELGJU

| | |
|---|---|
| Is-Sur MEULEMAN Daniël | T’Hope Roeselaere |
| Is-Sur ROSIERS Paul | Recht Op Borgerhout |
| Is-Sur KONTSYBOVSKY Anatole | Marche-En Famenne |
| Is-Sinjorina DRAYE Solange | gadl |
| Is-Sur EL OUARRAK Fouad | Comité de la Samaritaine, Bruxelles |

BULGARIJA

| | |
|---|---|
| Is-Sinjorina JELIAZKOVA Maria | EAPN Bulgaria |
| Is-Sinjorina PAVLOVA Ekaterina | Parliament Roma |
| Is-Sur BLAGOEV Simeon | Parliament Roma |
| Is-Sur GEORGIEV Petar | Parliament Roma |
| Is-Sinjorina PARASKOVA Silvia | EAPN Bulgaria |

ĊIPRU

| | |
|---|---|
| Is-Sinjorina KAZANTZIS Ninetta | EAPN Cyprus |
| Is-Sinjorina APOSTOLIDOU Efrosini | |
| Is-Sur STAVROU Georgios | |
| Is-Sur MIKELLIS Michalakis | |

DANIMARKA

| | |
|---|---|
| Is-Sinjorina VEJBO Dorthe | Kofoedskole |
| Is-Sur HOLMGREM René | SAND |
| Is-Sinjorina GOURDE DAVIES Jeanine | Kofoedskole |
| Is-Sinjorina KÜNKELS Gitte | Kofoedskole |
| Is-Sinjorina BAY France Annalise | SAND |

FINLANDJA

| | |
|---|---|
| Is-Sur MIKKONEN Juha | Association for Healthy Lifestyles - EAPN Finland |
| Is-Sur PARKKONEN Jouni | |
| Is-Sur LEVO Harri | Rovaniemi arear unemployed association |
| Is-Sur KARHU Heikki | Ass. For unemployed in Nurmijârvi disctrict |
| Is-Sinjorina VALKAMA Satu | |

FRANZA

| | |
|---|---|
| Is-Sur OGER Aymeric | Ile de France |
| Is-Sur JACQUES Marc | Armée du Salut Marseille |
| Is-Sur NICOLOSI Tiziano | |
| Is-Sur BRELIN Bruno | CHRS Le Château |
| Is-Sur GRIVA Jean-Philippe | |

ĠERMANJA

| | |
|---|---|
| Is-Sur SCHMIEDL Robert | ver.di.Regionserwerbslosenausshus Götingen |

| | |
|---|---|
| Is-Sinjorina SCHMIDT Dorothée | Verb.alleinerziehendr Mütter und Vätter Kreisverband Mettmann e.V |
| Is-Sur SCHRÖTTER Jens E | Institut für Angewandte Armut |
| Is-Sur KADIOFSKY Peter | Hilfe im Nordend |
| Is-Sinjorina BIEHN Erika | EAPN Germany |
| Is-Sur JECKEL Wolfgang | |
| GREĊJA | |
| Is-Sinjorina PAPAGIANNOGLOU Lisa | EAPN Greece |
| Is-Sinjorina SIDIROPOULOS Odysseas | ARGO |
| Is-Sinjorina GIANNOULA Magga | Rom Organisation for Women |
| Is-Sinjorina MARINAKI Litsa | Centre for Family and Child |
| Is-Sinjorina SARANTOPOULOU Korina | Ariadni |
| IRLANDA | |
| Is-Sinjorina LYNCH Kay | EAPN IReland |
| Is-Sinjorina MBUGUA Salome | African Women's Network |
| Is-Sur SHINE Billy | Athlone Simon |
| Is-Sur MACKIE Michael | Galway Simon |
| Is-Sinjorina NEWMAN Lucy | |
| Is-Sinjorina BRILL Sammy | Muscular Dystrophy Ireland |
| ITALJA | |
| Is-Sur PALAIA Antonio | Associazione Amici di Piazza Grande - Bologna |
| Is-Sur NATURALE Ciro | Coop. Sociale Lasciaa - Perugia |
| Is-Sur MELE Carlo | Caritas, Avellino |
| Is-Sur BATTAGLIA Giuseppe | Il Pioppo, Napoli |
| Is-Sur GRGA Mirko | Comunità di Capodarco |
| Is-Sur SABRINA Emilio | Associazione Europa, Bari |
| Is-Sur DE ACUTIS Giorgio | Casa dei Diritti Sociali Focus – Roma |
| LITWANJA | |
| Is-Sinjorina BARANAUSKAITE Vaida | Baltic Foundation Heifer International |
| Is-Sinjorina BAGDONAITE Loreta | Babrungas Community |
| Is-Sinjorina PETKUNIENE Jane | Reskutenai Community |
| Is-Sur USINSKIS Albertas | Tarosai Community |
| LUSSEMBURGU | |
| Is-Sinjorina ALEIXO DELGADO Sonia | Ligue médico-sociale |
| Is-Sinjorina ROMAIN Collette | |
| MALTA | |
| Rev BUSUTTIL Edgar | EAPN Malta |
| Is-Sinjorina SCHEMBRI Simone | ADHD/ASD |
| Is-Sinjorina SAID Diane | Paulo Freire Institute |
| Is-Sur WEAVER Daniel Martin | YMCA |
| NORVEĠJA | |
| Is-Sinjorina FRAGAAT Liv Airin | Welfare Alliance |
| M VON ELY Vigdis | Velferdsalliansen |
| M BARLOW Ross | Velferdsalliansen |
| Is-Sinjorina TORGEIR Tangvik | Total Rehab |
| Is-Sur KARLSEN Svein | Velferdsalliansen |
| PAJJIŻI BAXXI | |
| Is-Sinjorina SMEEKES Alida | Local Senior Coucil EAPN |
| Is-Sinjorina GLASHOUWER Sara | EAPN NL |
| Is-Sur HENDRIKS Jan | EAPN NL |
| Is-Sinjorina VAN BUUREN Ellie | Local Client Council |
| Is-Sinjorina LEEMKUIL Sonja | Local Client Council |

POLONJA

| | |
|---|---|
| Is-Sinjorina SLEDZ Maria | |
| Is-Sur EYCKE Pawel | Barka |
| Is-Sur NOWAK Bartlomiej | Barka |
| Is-Sinjorina KUKLINSKA Jolanta | Przystan |
| Is-Sinjorina KNOP Justyna | Przystan |

PORTUGALL

| | |
|---|---|
| Is-Sur PAIVA Julio | EAPN Portugal |
| Is-Sur CASTRO Francisco | Gabinete de Atendimento à Familia |
| Is-Sinjorina PEREIRA Helen | EAPN Lisboa |
| Is-Sinjorina PELUICO Ana | EAPN Portoalegre |
| Is-Sur PEREIRA Manuel | Clube Academico de Leiria |

RENJU UNIT

| | |
|---|---|
| Is-Sinjorina GIBSON Julie | UK Coalition against Poverty |
| Is-Sinjorina McSORLEY Bernadette | UK Coalition against Poverty |
| Is-Sinjorina MONODU Vickar | UK Coalition against Poverty |
| Is-Sinjorina MOORE Kate | UK Coalition against Poverty |
| Is-Sinjorina FORSYTH Marie | UK Coalition against Poverty |
| Is-Sinjorina STEWART Donna | UK Coalition against Poverty |

REPUBBLIKA ĊEKA

| | |
|---|---|
| Is-Sinjorina TURONOVA Renata | Kofoedova skola |
| Is-Sinjorina SOTKOVSKA Lenka | Kofoedova skola |
| Is-Sinjorina MITREGOVA Dana | Kofoedova skola |
| Is-Sur MAROSZ Karel | Kofoedova skola |
| Is-Sinjorina HEBNAROVA Danuta | Kofoedova skola |

RUMANIJA

| | |
|---|---|
| Is-Sinjorina RADUT Elena Andreea | Foundation for Education |

SLOVAKKJA

| | |
|---|---|
| Is-Sinjorina BENOVA Nina | SAPN |
| Is-Sur SEBO Stefan | o.z. Pramen nadeje |
| Is-Sur SIPOS Jaroslav | Proti prùdu |
| Is-Sinjorina RACICKA Eva | Proti prùdu |

SLOVENJA

| | |
|---|---|
| Is-Sur NOUHOUM Ibrahim | Humanitas |
| Is-Sur HARIS Jakob | Kings of the Street |
| Is-Sinjorina GLAVAC Jadranka | Safe Shelter |
| Is-Sur CENCELJ Ivan | Ass. Of unemployed and social threatened Slovenia |

SPANJA

| | |
|---|---|
| Is-Sinjorina EIGUREN Julene | EAPN Spain |
| Is-Sinjorina GANCZARCZYK Maja Agata | EAPN Spain |
| Is-Sur SADI Idriss | ACCEM Guadalajara |
| Is-Sur DELGADO BAUTISTA Pedro | Ofincina Tecnica Plan Integral Distrito V |
| Is-Sinjorina RODRIGUEZ CARRILLO Vilma Carmen | ADIFE |
| Is-Sinjorina FERNANDEZ Maria Luisa | EAPN Spain |

SVEZJA

| | |
|---|---|
| Is-Sur KARLSSON Willy | EAPN Sweden |
| Is-Sur CANABATE Marcos | |
| Is-Sinjorina GARDBO Bo | |
| Is-Sur SVENSSON Gert Owe | EAPN Sweden |
| Is-Sur LANDEN Per | Aluma |

UNGERIJA

| | |
|---|---|
| Is-Sur GOSZTONYI Geza | Hungarian Anti Poverty Network |

| | |
|---|---|
| Is-Sinjorina CSIKINE PUPORKA Andrea | Hungarian Anti Poverty Network |
| Is-Sur BIRI Imre | Hungarian Anti Poverty Network |
| Is-Sinjorina DUKA Andrea Ariann | Hungarian Anti Poverty Network |
| Is-Sinjorina SZARVAK Eva | Hungarian Anti Poverty Network |
| | |
| PRESIDENT | |
| Is-Sinjorina LESKOSEK Vesna | University Of Ljubljana, Faculty of Social Work |
| | |
| KELLIEMA | |
| Is-Sur SPIDLA Vladimir | EU Commission, Commissioner for Employment Social Affairs & Equal Opportunities |
| Is-Sinjorina COTMAN Marjeta | Minister of Labour, Family and Social affairs, Slovenia |
| Is-Sinjorina TOMC Romana | State Secretary, Ministry of Labour, Family and Social affairs, Slovenia |
| Is-Sur VIGNON Jérôme | EU Commission, Director Social Protection & Integration |
| Dr HOSEK Marian | Deputy Minister for Social Policy, Social Services & Family Policy, Czech Republic |
| Is-Sur HIRSCH Martin | High Commissioner for Active Inclusion against Poverty, France |
| Is-Sur HOREMANS Ludo | EAPN, President |
| | |
| MINISTERU SLOVEN | |
| Is-Sinjorina OSLAJ Danica | Ministry of Labour, Family and Social Affairs, Slovenia |
| Is-Sinjorina JUVAN Nika | Permanent Representation Slovenia |
| Is-Sinjorina MARIC Nina | International Cooperation and European Affairs, Ministry of Labour, Family and Social Affairs, Slovenia |
| Is-Sinjorina TRUPI Terezija | Public Relations, Ministry of Labour, Family and Social Affairs, Slovenia |
| Is-Sinjorina ROJKO Neza | Ministry of Labour, Family and Social Affairs, Slovene – Interpreter |
| Is-Sinjorina BEC Marjeta | Head of Minister’s Office, Ministry of Labour, Family and Social Affairs, Slovenia |
| | |
| MINISTERU FRANĊIŻ | |
| Is-Sinjorina PALPANT Catherine | Cabinet du Haut Commissaire pour l’inclusion active contre la pauvreté, France |
| Is-Sinjorina SAINTOYANT Valérie | Représentation Permanente, France |
| Is-Sinjorina KEIRLE Marie | Ministère du Travail, Relations sociales, Famille & Solidarité DGAS, France |
| | |
| MINISTERU TAR-REPUBBLIKA ĊEKA | |
| Is-Sinjorina ZAJAROSOVA Zuzana | Ministry of Labour & Social Affairs, Czech Republic |
| Is-Sinjorina HACAPERKOVA Dana | Ministry of Labour & Social Affairs, Czech Republic |
| Is-Sinjorina MURYCOVA Petra | Ministry of Labour & Social Affairs, Czech Republic |
| Is-Sur SUDA Radek | Ministry of Labour & Social Affairs, Czech Republic |
| | |
| MINISTERU TAL-BELĠJU | |
| Is-Sinjorina DEMEYER Magda | Secrétariat d’Etat à la lutte contre la pauvreté, Expert, Belgique |
| Is-Sur VANDENBUSSCHE Johan | Ministère belge de l’Integration sociale, Belgium |
| | |
| MINISTERU TAL-AFFARIJIET SOĊJALI/STATI MEMBRI | |
| Is-Sur DRAGANOV Dragomir | Ministry of Labour & Social Policy, Bulgaria |
| Is-Sur IRLENKAEUSER Rainer | Federal Ministry of Labour and Social Affairs, Germany |
| Dr GAZON Eric | Ministry of Employment and Social Protection, Greece |
| Is-Sur REYNOLDS Dave | Department of Social & Family Affairs, Ireland |
| Is-Sinjorina VELLA Marie Grace | Ministry for Social Policy, Malta |
| Is-Sinjorina SEBOVA Nadezda | Ministry of Labour, Social & Family, Policy Section, DG, Slovakia |
| Is-Sur HETTES Miloslav | Ministry of Labour, Social & Family, International Affairs, Slovakia |
| Is-Sur PAVOL Juhas | Permanent Representation of Slovakia |
| Is-Sinjorina ERIKSSON Anne | Ministry of Social Affairs & Health, Finland |
| Is-Sinjorina WILLAME Elise | President, Social Protection Committee |

| | |
|---|---|
| Is-Sinjorina PIGNATELLI DEMEE Maria Cecilia | Ministry of Labour & Social Solidarity, Portugal |
| Is-Sur SULKA Kastriot | Deputy Minister of Labour, Social Affairs and Equal opportunities, Albania |
| Is-Sinjorina OSTOJIC Jasmina | Ministry of Health and Social Welfare, Head of Unit, Croatia |
| Is-Sinjorina FRANKOVIC Snjezana | Ministry of Health and Social Welfare, Senior adviser, Croatia |
| Is-Sur PAULIG kasper | Ministry for Health and Social Affairs, Sweden |
| Is-Sinjorina GRIFFITHS Tricia | Department for Work & Pensions, UK |
| Is-Sur MARCUCCI Fabrizio | Ministero della Solidarietà Sociale, Italy |
| Is-Sinjorina KING Brenda | SPC |
| | |
| KUMMISSJONI EWROPEA | |
| Is-Sinjorina PARASKEVAS Marie-Anne | EU Commission DG Employment |
| Is-Sur PACI Stefano | Kummissjoni Ewropea |
| | |
| ORGANIZZAZZJONIJIET LI JIEĦDU FONDI TAL-EU PROGRESS | |
| Is-Sinjorina DOVGAN Diana | CECOP- CICOPA Europe |
| Is-Sur HALLORAN John | European Social Network, Director |
| Is-Sur GUENTNER Simon | Eurocities |
| Is-Sinjorina LEAL Mafalda | Eurochild |
| | |
| EU INSTITUTIONS | |
| Is-Sinjorina SHARMA Madi | EESC |
| Is-Sur VLADYCHENKO Alexander | Council of Europe, Director General of Social Cohesion |
| Is-Sur ANDERSON Robert | Dublin Foundation |
| | |
| ETUC | |
| Is-Sur DERRUIME Olivier ETUC/CES | |
| | |
| ACADEMIC COMMUNITY | |
| Is-Sur ATZMÜLLER Roland | FORBA Working Life Research Unit, Austria |
| Dr DIERCKX Danielle | University of Antwerp |
| Is-Sur MARLIER Eric | CEPS-INSTEAD Research Institute |
| | |
| EUROPEAN NGO'S | |
| Is-Sinjorina HOEL Anne | Social Platform |
| Is-Sinjorina RENOUX Marie-Cécile | ATD Quart Monde |
| Is-Sur FARRELL Fintan | Director EAPN |
| Is-Sur CESNOVAR Christof | AKEUROPA |
| | |
| RESOURCE TEAMS | |
| Is-Sinjorina STARIC STRAJNAR Barbara | Ministry of Labour, Family and Social Affairs, Slovenia |
| Is-Sinjorina STEENBERGEN Barbara | International Union of Tenants |
| Is-Sinjorina ROUMET Claire | CECODHAS |
| Is-Sinjorina PAASCHE Silke | FEANTSA Brussels Belgium |
| Is-Sinjorina RABAU Muriel | Permanent Representation Belgium |
| Is-Sur POLACEK Richard | Social Platform |
| Is-Sinjorina JONES Sian | EAPN Irland |
| Is-Sur DE BUCQUOIS Patrick | Caritas Europa |
| Is-Sinjorina JONES Laura | Eurodiaconia |
| Is-Sur LELIE Peter | European Commission |
| Is-Sur SAINT-DENIS Antoine | EU Commission DG Employment, Social Affairs |
| Is-Sur VAN GEERTSOM Julien | Public Planning Service for Social Integration, Belgium |
| Is-Sur CHAMPEIX Claire | EAPN |
| Is-Sur CALANDRINO Michele | European Commission DG EMPL |
| Is-Sur GEKIERE Wouter | European Parliament, Advisor |
| Is-Sur SOPI Aziz | CPAS de Forest, Belgium |
| Is-Sinjorina CLARKE Penny | EPSU |
| | |
| FACILITATORS | |
| Is-Sur GINNELL Paul | EAPN Ireland |

| | |
|---|---|
| Is-Sinjorina GUIDICELLI Marie | Armée du Salut, France |
| Is-Sur HERMANS Marja | Welzijnszorg, Belgium |
| Is-Sinjorina KOCMANKOVA Dagmar | Novy Prostor, Czech Republik |
| Is-Sur MARGUERY Olivier | Fondation de l'Armée du Salut, France |
| Is-Sinjorina MOSER Michaela | Die Armutskonferenz, Austria |
| Is-Sinjorina COLINET-DUBOIS Geneviève | EAPN France |
| Is-Sinjorina CALVANELLI Laura | Caritas Firenze, Italia |
| Is-Sinjorina GORIS Josée | Public Planning Service for Social Integration, Belgium |
| Is-Sinjorina CESARINI-SFORZA Letizia | CILAP EAPN Italia |
| Is-Sinjorina O'KANE Catri | Simon Communities, Ireland |
| Is-Sinjorina WIN Aye Aye | Dignity International |
| Is-Sinjorina OSINSKA Anna | ATD Quart Monde, Pologne |
| Is-Sur PAIVA Julio | EAPN Portugal |

COORDINATOR

| | |
|---|---|
| Is-Sinjorina GERONDAL Micheline | EAPN |

RAPPORT FINALI

| | |
|---|---|
| Is-Sur VEREECKEN Léopold | CPAS, Ville de Bruxelles |

EAPN SECRETARIAT

| | |
|---|---|
| Is-Sinjorina FLEMAL Coralie | EAPN |
| Is-Sinjorina DAHMEN Sigrid | EAPN |
| Is-Sinjorina LEE Rebecca | EAPN |
| Is-Sur LEMMENS Philippe | EAPN |

PRESS & MEDIA

| | |
|---|---|
| Is-Sinjorina GUEUDET Audrey | EAPN |
| Is-Sinjorina STOKOJNIK Tinca | Slovenian Permanent Representation |
| Is-Sur DAKOUA Raymond | Photographer |
| Is-Sur McBRIDE Conor | Irish TV Team |
| Is-Sur RYAN James | Irish TV Team |
| Is-Sinjorina TONNEAU Nicole | UBUNTU Film |